Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0543(COD)

13.4.2026

EMENDI
180 - 398

Abbozz ta' rapport
Christian Ehler
(PE785.237v02-00)

L-istabbiliment tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, l-istabbiliment tar-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u t-tħassir tar-Regolament (UE) 2021/695

Proposta għal regolament
(COM(2025)0543 – 2025/0543(COD))

Emenda 180
Sandro Ruotolo, Saskia Bricmont, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Hannah Neumann, Brando Benifei, Alessandro Zan, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media),

Or. en

Emenda 181
Sandro Ruotolo, Saskia Bricmont, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Hannah Neumann, Brando Benifei, Alessandro Zan, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	wara li kkunsidraw ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2023 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-investigazzjoni ta' allegati kontravvenzjonijiet u amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti,

Or. en

Emenda 182
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András Gyürk, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha ***billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi***, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija ***jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha***, inkluż ***fl-industrija*** tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, ***li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha***.	(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha ***u l-kompetittività tagħha billi ttejjeb il-kundizzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni tar-riċerkaturi***, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija, inkluż ***fl-ekosistema industrijali*** tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni ***u tal-Istati Membri tagħha***, ***sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Ewropa u tippermetti lill-Unjoni tikseb irkupru teknoloġiku f'oqsma li fihom baqgħet lura meta mqabbla mal-kompetituri globali tagħha. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ is-sinerġiji bejn ir-riċerka u l-industrija, jiżgura progressjoni aktar ċara lejn il-livelli ta' tħejjija teknoloġika u jippermetti direzzjonijiet aktar rapidi u aktar effiċjenti mir-riċerka għas-suq, filwaqt li jnaqqas id-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni fl-istrumenti kollha. Jenħtieġ ukoll li jippromwovi involviment aktar strutturat tal-industrija fl-istabbiliment u fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet, u b'hekk isaħħaħ ir-rilevanza, l-iskalabbiltà u l-impatt tal-azzjonijiet ta' riċerka u l-innovazzjoni. Filwaqt li jibni fuq pedament sod għal politika tar-riċerka u l-innovazzjoni aktar b'saħħitha u aktar koerenti, il-Programm jenħtieġ li jipprovdi addizzjonalità ġenwina billi jaċċellera ċ-ċikli tal-innovazzjoni, isaħħaħ it-tmexxija industrijali u jiżgura li l-investimenti jsarrfu f'benefiċċji ekonomiċi, teknoloġiċi u għas-soċjetà tanġibbli għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha***.

Or. en

Emenda 183
Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, ***il-valuri tal-Unjoni u l-ġid*** tal-popli tagħha.	(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività ***u tar-reżiljenza*** tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, ***it-tkabbir tal-produttività fit-tul, il-ġid*** tal-popli tagħha ***u l-valuri tal-Unjoni***. ***L-UE jeħtiġilha trawwem il-kundizzjonijiet xierqa biex ir-R&I mmexxija mill-eċċellenza jitfaċċaw fit-territorji kollha tagħha, u dan jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, sabiex l-ebda poplu, komunità jew reġjun ma jitħalla jibqa' lura.***

Or. en

Emenda 184
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Mirosława Nykiel, Borys Budka

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament ***u*** billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-	(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ***u l-ekosistema ġenerali Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni filwaqt li tiżgura bilanċ ġeografiku madwar it-***

kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha.

territorji u r-reġjuni tal-Unjoni, u suq uniku Ewropew imsaħħaħ għar-R&I, ħalli r-riċerkaturi***, l-innovaturi***, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament***, filwaqt li jsaħħu l-kompetittività tal-UE, u*** billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu ***s-sigurtà u*** l-paċi***, id-demokrazija***, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha.

Or. en

Emenda 185
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha.	(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha. ***Jenħtieġ ukoll li tippromwovi l-parteċipazzjoni wiesgħa u ġeografikament bilanċjata tar-riċerkaturi u tal-organizzazzjonijiet mir-reġjuni kollha tal-Unjoni, inklużi dawk b'sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni inqas żviluppati.***

Or. en

Emenda 186
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha.	(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, ***l-innovaturi,*** l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament***,*** u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, ***id-demokrazija,*** il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha. ***F'dan il-kuntest, l-iżvilupp ulterjuri taż-ŻER jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-"ħames libertà" lejn suq uniku sħiħ u effiċjenti għar-R&I.***

Or. en

Emenda 187
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament ***u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija***	(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-

tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha.

innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha.

Or. en

Emenda 188
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha.	(1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ***u l-eċċellenza*** tagħha billi ssaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha.

Or. en

Emenda 189
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Unjoni tiffaċċja dgħufijiet tażversali persistenti fis-sistema tar-

riċerka u l-innovazzjoni tagħha, b'mod partikolari l-użu insuffiċjenti tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha, investiment privat insuffiċjenti, diffikultajiet biex l-eċċellenza xjentifika tissarraf f'innovazzjoni kummerċjabbli, valorizzazzjoni tal-għarfien mhux uniformi, lakuni fil-kapital għall-espansjoni u ta' riskju, eżodu ta' mħuħ, u disparitajiet li ilhom jeżistu fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni fir-reġjuni kollha, li jillimitaw iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien, tat-talent u tat-teknoloġija fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka[1a]. Fl-istess ħin, l-Unjoni għadha lura f'għadd ta' teknoloġiji strateġiċi u oqsma tar-riċerka, b'mod partikolari f'teknoloġiji diġitali u teknoloġiji oħra trażversali bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, il-blockchain u ċ-ċibersigurtà, kif ukoll f'setturi b'intensità għolja tar-riċerka u l-żvilupp, inklużi t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, is-saħħa, is-semikondutturi avvanzati, il-bijoteknoloġija, it-teknoloġiji spazjali, il-materjali avvanzati, il-batteriji, il-materja prima kritika, it-teknoloġiji tad-difiża u dawk b'użu doppju, filwaqt li tibqa' esposta għal vulnerabbiltajiet fil-katina tal-provvista u għal dipendenzi barranin li jitolbu approċċ ta' politika aktar b'saħħtu, aktar koordinat u li jibqa' validu fil-futur. Id-data dwar l-output xjentifiku globali turi li s-sehem tal-Unjoni ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi totali u kkwotati ħafna naqas tul l-aħħar żewġ deċennji, u dan poġġa lill-Unjoni wara ċ-Ċina u l-Istati Uniti, u ċ-Ċina għaddiethom it-tnejn li huma fil-volum ġenerali tal-pubblikazzjonijiet filwaqt li qiegħda ttejjeb b'mod kostanti l-impatt tal-kwotazzjonijiet. L-Unjoni għadha fit-tieni post f'diversi setturi ewlenin bħas-saħħa, l-ambjent, it-trasport u l-agrikoltura, u turi punti b'saħħithom f'oqsma li jinkludu l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, il-kimika tal-ikel u t-teknoloġiji relatati mal-klima.

Madankollu, is-sehem tagħha ta' applikazzjonijiet globali għall-privattivi naqas ukoll u qiegħda taqa' lura wara l-kompetituri tagħha f'oqsma ewlenin tat-teknoloġiji diġitali bħas-semikondutturi, it-teknoloġiji tal-kompjuter u l-komunikazzjonijiet diġitali li huma mistennija li jixprunaw it-tkabbir futur.

[1a] Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Science, research and innovation performance of the EU, 2024 – A competitive Europe for a sustainable future, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/c683268c-3cdc-11ef-ab8f-01aa75ed71a1/language-en

Or. en

Emenda 190
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dawn il-valuri mhumiex interni għall-Unjoni biss; dawn jikkostitwixxu l-pedament li l-Unjoni tibbaża fuqu biex tinteraġixxi mal-bqija tad-dinja, kif rifless fl-Artikolu 21 tat-TUE, li jirrikjedi li l-azzjoni esterna tal-Unjoni tkun iggwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien tagħha stess. Barra minn hekk, il-Programm huwa strument ewlieni tad-diplomazija dwar ix-xjenza

tal-Unjoni, li permezz tiegħu l-Unjoni tibni pontijiet ma' sħab madwar id-dinja, trawwem iċ-ċirkolazzjoni libera tal-għarfien u tar-riċerkaturi, u tipproġetta l-valuri tagħha fix-xena globali. Għalhekk, il-ftuħ għall-kollaborazzjoni internazzjonali mhuwiex sempliċement karatteristika tal-Programm iżda objettiv strateġiku fih innifsu.

Or. en

Emenda 191
Eszter Lakos

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) F'dan l-ispirtu, ir-riċerka u l-innovazzjoni fi stadju bikri jenħtieġ li jibqgħu primarjament immexxija minn approċċ minn isfel għal fuq u jkunu primarjament immexxija mill-karattru ċivili tal-Programm. Madankollu, minħabba x-xenarju ġeopolitiku volatili, in-natura li qed tevolvi tat-theddid għas-sigurtà, u l-possibbiltà dejjem aktar frekwenti ta' effetti konsegwenzjali tat-teknoloġiji ċivili fil-qasam tad-difiża, huwa essenzjali li tkun permessa l-possibbiltà li attivitajiet b'potenzjal ta' użu doppju jiġu ffinanzjati taħt dan il-Programm. Meta l-azzjonijiet juru direzzjoni kredibbli għall-applikazzjoni tad-difiża, l-użu u l-industrijalizzazzjoni ta' tali riżultati għandhom jiġu appoġġati taħt l-istrumenti tal-Unjoni mfassla għal dawk il-finijiet, f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tar-regolamenti rilevanti, b'mod partikolari r-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività].

Or. en

Emenda 192
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) L-intelliġenza artifiċjali tikkostitwixxi teknoloġija trażversali ewlenija għat-tisħiħ tal-kapaċità xjentifika, teknoloġika u tal-innovazzjoni tal-Unjoni, u għalhekk tirrikjedi enfasi strateġika u kkoordinata fil-livell tal-Unjoni. Kif stabbilit fil-Kummissjoni Ewropea – Strateġija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali fix-Xjenza – RAISE[1b], l-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni tal-intelliġenza artifiċjali mix-xjenzati Ewropej fid-dixxiplini kollha u l-iżvilupp tal-mudelli xjentifiċi prinċipali tal-IA Ewropea huma essenzjali għat-titjib tal-kwalità, tal-produttività u tal-impatt tar-riċerka. Din l-istrateġija tipproponi l-istabbiliment ta' RAISE bħala istitut Ewropew virtwali li jiġbor u jikkoordina r-riżorsi essenzjali, inklużi l-kapaċità tal-computing, id-data, l-eċċellenza, it-talent u l-finanzjament, madwar l-Unjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati privati, u ssegwi objettivi komplementari għall-avvanz tar-riċerka tal-ogħla livell fl-IA u trawwem l-adozzjoni tagħha fix-xjenza, inkluż permezz ta' networks dottorali, aċċess dedikat għall-infrastrutturi tal-computing tal-IA u appoġġ għall-proġetti tar-riċerka mmexxija mill-IA u għan-negozji l-ġodda. Din tippromwovi wkoll approċċ Ewropew ikkoordinat għall-intelliġenza artifiċjali fix-xjenza bħala mezz biex tissaħħaħ il-kompetittività, jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni u tissaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa. Barra minn hekk, tipprevedi l-iżvilupp u l-espansjoni tal-infrastrutturi teknoloġiċi, inklużi l-

Fabbriki tal-IA, il-Gigafabbriki u l-kapaċità msaħħa tal-cloud u taċ-ċentru tad-data, biex tappoġġa lir-riċerkaturi, l-innovaturi u n-negozji l-ġodda, flimkien ma' azzjonijiet li jiffaċilitaw l-investiment privat u l-oqfsa siguri tal-kondiviżjoni tad-data, u b'hekk trawwem l-innovazzjoni u taċċellera l-varar tal-intelliġenza artifiċjali.

[1b] KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Strateġija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali fix-Xjenza Inwittu t-triq għar-Riżorsa għax-Xjenza tal-IA fl-Ewropa (RAISE) COM/2025/724 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52025DC0724

Or. en

Emenda 193
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András Gyürk

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) L-aċċellerazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni spazjali ssaħħaħ il-kompetittività globali u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fis-settur spazjali fid-dawl tal-avvanzi teknoloġiċi rapidi u tal-kompetizzjoni internazzjonali dejjem akbar, b'mod partikolari f'oqsma bħat-trasport spazjali, it-telekomunikazzjoni, is-soluzzjonijiet tal-cloud satellitari u oqsma emerġenti inklużi s-servizzi ta' manutenzjoni fl-orbita, ir-robotika, l-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji kwantistiċi[1c]. L-iżviluppi trasformattivi, inklużi vetturi tal-illanċjar li jistgħu

jerġgħu jintużaw u dawk heavy-lift, megakostellazzjonijiet satellitari kbar u ċikli tal-ħajja satellitari iqsar, jirrikjedu innovazzjoni sostnuta fil-kapaċitajiet tal-manifattura, tal-użu u tas-sostituzzjoni. Dan l-isforz jibbaża wkoll fuq oqfsa kollaborattivi msaħħa u riżorsi miġbura fost l-awtoritajiet pubbliċi, l-aġenziji, l-akkademja, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-industrija, flimkien mal-iżvilupp tal-ħiliet imsaħħaħ u programmi ta' edukazzjoni għolja fit-teknoloġiji spazjali. Dan jappoġġa l-ħolqien ta' ekonomiji orbitali u spazjali futuri, inklużi s-servizzi tal-manutenzjoni satellitari, it-tneħħija tar-residwi, l-assemblaġġ u l-manifattura fl-ispazju, l-infrastrutturi tad-data bbażata fuq l-ispazju u attivitajiet ta' estrazzjoni tar-riżorsi spazjali bħall-estrazzjoni spazjali u l-użu ta' riżorsi ekstraterrestri, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tmexxija teknoloġika, ir-reżiljenza industrijali u l-kompetittività fit-tul tal-Ewropa. Fl-istess ħin, jenħtieġ li ssir enfasi akbar fuq l-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji, inklużi l-infrastrutturi diġitali avvanzati, l-intelliġenza artifiċjali, l-apprendiment awtomatiku, it-teknoloġiji kwantistiċi, il-blockchain, it-teknoloġiji tal-konnettività bħall-5G u s-6G, l-applikazzjonijiet tal-Internet tal-Oġġetti, il-kapaċitajiet tal-illanċjar u soluzzjonijiet avvanzati tal-manifattura, kif ukoll it-tewmin diġitali u l-għodod tal-immudellar għad-disinn u għall-produzzjoni ta' inġenji spazjali. L-isfruttament tal-potenzjal tal-innovazzjoni tal-Ewropa madwar l-Istati Membri, it-trawwim tas-sinerġiji bejn l-ekosistemi spazjali, tad-difiża u ekosistemi industrijali oħra, u l-kombinament ta' inizjattivi mmirati minn fuq għal isfel ma' strumenti miftuħa minn isfel għal fuq, inklużi għotjiet, investiment, akkwist u finanzjament ibbażat fuq il-premjijiet, f'kooperazzjoni mas-sħab pubbliċi u privati, ikomplu jsaħħu l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-

Unjoni.

[1c] KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Viżjoni għall-Ekonomija Spazjali Ewropea COM/2025/336 final https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52025DC0336

Or. en

Emenda 194
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías

Proposta għal regolament
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) Il-Programm Qafas jenħtieġ li jibbaża fuq approċċ komprensiv biex jikkonsolida l-eċċellenza tal-Ewropa fix-xjenza kwantistika u biex jappoġġa t-trasformazzjoni industrijali tagħha permezz ta' azzjonijiet ikkoordinati tar-riċerka u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji kollha tal-computing kwantistiku, tal-komunikazzjoni u tar-rilevament[1d]. Jenħtieġ li jiżviluppa infrastrutturi kwantistiċi sostenibbli u skalabbli, inklużi linji gwida, għodod tad-disinn, sistemi ta' rilevament distribwiti u faċilitajiet dedikati bħall-infrastrutturi tal-computing kwantistiku u tar-rilevament, sabiex jappoġġa l-produzzjoni, il-ħolqien ta' prototipi u l-użu industrijali. Jenħtieġ ukoll li jixpruna t-tisrif tal-avvanzi xjentifiċi f'applikazzjonijiet għad-dinja reali f'setturi pubbliċi u industrijali ewlenin, filwaqt li jkopri d-direzzjoni sħiħa mir-riċerka tal-laboratorju għall-

fabbrikazzjoni industrijali u l-adozzjoni mis-suq, filwaqt li jsaħħaħ il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u jgħaqqad in-negozji l-ġodda kwantistiċi mal-industrija Ewropea biex jibni ekosistema reżiljenti. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jrawwem l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol kwantistika diversa u ta' klassi dinjija permezz ta' programmi kkoordinati tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, skemi tal-mobbiltà u inizjattivi ta' fellowships li għandhom l-għan li jattiraw u jżommu t-talent globali. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-inizjattivi orjentati lejn il-missjonijiet bħall-Quantum Grand Challenges, li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-industrija u atturi pubbliċi biex jindirizzaw l-objettivi teknoloġiċi strateġiċi u b'hekk isaħħu t-tmexxija teknoloġika, il-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa fit-teknoloġiji kwantistiċi.

---

*[1d] **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Strateġija Kwantistika Ewropea f'dinja li qed tinbidel COM/2025/363 final https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52025DC0363***

Or. en

Emenda 195
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 1e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1e) Filwaqt li jirrikonoxxu li x-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi jistgħu jikkontribwixxu għall-qasam tar-riċerka Ewropea, il-prijoritajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri huma mmexxija b'mod

predominanti mix-xjenza, mit-teknoloġija, mill-inġinerija u mill-matematika, fid-dawl tan-nuqqasijiet persistenti tal-ħiliet u l-ħtiġijiet dejjem akbar tas-suq tax-xogħol f'setturi strateġiċi. F'dan il-kuntest, forza tax-xogħol b'livell għoli ta' ħiliet tikkostitwixxi s-sinsla tal-ekonomija Ewropea u tirrikjedi t-tisħiħ tal-kapital uman, tal-ħiliet u tas-sistemi tal-edukazzjoni bħala xprunaturi ewlenin tal-produttività, l-innovazzjoni u l-kompetittività, b'enfasi partikolari fuq il-ħiliet STEM, il-litteriżmu diġitali u fl-intelliġenza artifiċjali, valutazzjoni mtejba tal-ħiliet diġitali, u t-tisħiħ tal-attraenza u t-tħejjija tal-karrieri fit-tagħlim u fir-riċerka fl-oqsma STEM. It-tisħiħ tal-edukazzjoni STEM fil-livelli kollha, inkluża l-edukazzjoni vokazzjonali, terzjarja u dik dottorali, permezz ta' kurrikuli modernizzati, metodi ta' tagħlim innovattivi, direzzjonijiet vokazzjonali aktar b'saħħithom u kooperazzjoni msaħħa bejn il-fornituri tal-edukazzjoni, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-industrija, huwa essenzjali biex jinbnew perkorsi effettivi mill-edukazzjoni għall-innovazzjoni, in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu. Strateġija komprensiva u inklużiva għall-ħiliet jenħtieġ li trawwem rabtiet aktar mill-qrib bejn l-ekosistemi tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tal-industrija, u tappoġġa t-tisrif tal-ideat f'teknoloġiji lesti għas-suq f'oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali, is-semikondutturi, il-bijoteknoloġija u t-teknoloġiji nodfa, biex b'hekk tiżgura forza tax-xogħol orjentata lejn il-futur li hija kapaċi tappoġġa l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni[1e].

[1e] KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM: ħiliet għall-

kompetittività u l-innovazzjoni COM/2025/89 final https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52025DC0089 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2026 dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/1687/oj

Or. en

Emenda 196
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ ***il-kompetittività***, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm") ***b'natura ċivili esklużiva u enfasi ċivili primarja, filwaqt li tiżgura artikolazzjoni u sinerġiji xierqa mal-Programm Speċifiku dwar ir-riċerka fid-difiża stabbilit skont ir-Regolament dwar il-FEK, biex tivvalorizza u tisfrutta aktar ir-riżultati ta' attivitajiet ta' valur ewlieni għall-finijiet ta' difiża***, li jenħtieġ li jsaħħaħ ***l-eċċellenza***, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, ***is-sigurtà,*** u l-koeżjoni soċjali ***bl-aktar mod effiċjenti, filwaqt li jevita duplikazzjoni bla bżonn, inkonsistenza u piż amministrattiv għar-riċerkaturi, l-innovaturi u l-intraprendituri***. ***Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi żgurata komplementarjetà sħiħa bejn il-Programm u l-Programm Speċifiku dwar ir-riċerka fid-difiża, u jenħtieġ li l-***

implimentazzjoni tat-tnejn li huma tistinka biex timmassimizza l-benefiċċji tal-attivitajiet tagħhom għas-soċjetà kollha.

Or. en

Emenda 197
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm")***, li*** jenħtieġ li ***jsaħħaħ il-kompetittività***, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika***,*** u l-koeżjoni soċjali.	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm")***. Dan*** jenħtieġ li ***jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività***, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika***,*** u l-koeżjoni soċjali***, kif ukoll li jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa, jiġi aċċellerat t-trasferiment tar-riżultati ta' riċerka lejn is-suq u s-soċjetà, u jiġu promossi l-kollaborazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp tal-ħiliet fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' trasferiment aktar mgħaġġel tar-riżultati tar-riċerka lejn is-suq u s-soċjetà u għall-implimentazzjoni f'waqtha tagħhom, kif ukoll biex jiġu promossi l-kollaborazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp tal-ħiliet fi ħdan iż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Emenda 198
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali ***u jappoġġa l-kompetittività tal-Unjoni billi jippromwovi kooperazzjoni xjentifika miftuħa u sigura li tibni sħubijiet fdati u ekwi, b'mod partikolari ma' pajjiżi b'introjtu baxx u dawk b'introjtu medju, f'konformità mal-Qafas Ewropew emerġenti għad-Diplomazija Xjentifika***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-programm huwa primarjament dwar l-ixprunar tal-eċċellenza fir-riċerka fl-Ewropa, iżda jista' jiżvolġi rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-libertà xjentifika, li tippromwovi l-kollaborazzjoni internazzjonali globalment, u jippreżenta opportunità biex tiġi żviluppata s-setgħa ta' persważjoni tal-UE fil-kuntest ġeopolitiku attwali.

Emenda 199
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Mirosława Nykiel, Borys Budka

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u

soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.

soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm ***awtonomu*** Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ ***il-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni,*** il-kompetittività***, is-sigurtà***, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali ***tagħha madwar l-Istati Membri u r-reġjuni kollha tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll jippromwovi parteċipazzjoni usa' speċjalment fi Stati Membri b'livell ta' prestazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni aktar baxx***.

Or. en

Emenda 200
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali ***u jappoġġa l-kompetittività tal-Unjoni billi jippromwovi kooperazzjoni xjentifika miftuħa u sigura li tibni sħubijiet fdati u ekwi, f'konformità mal-Qafas Ewropew emerġenti għad-Diplomazija Xjentifika***.

Or. en

Emenda 201
Nikos Pappas, Jussi Saramo, Anthony Smith

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ ***il-kompetittività, ir-reżiljenza***, is-sostenibbiltà, ***it-tmexxija teknoloġika***, ***u l-koeżjoni*** soċjali.	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ ***il-koeżjoni soċjali***, is-sostenibbiltà, ***l-eċċellenza xjentifika***, ***l-awtonomija strateġika, ir-reżiljenza demokratika u l-innovazzjoni tal-interess pubbliku ta' kwalità għolja, filwaqt li jiżgura li l-kompetittività tibqa' subordinata għall-objettivi*** soċjali***, ambjentali u territorjali***.

Or. en

Emenda 202
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli, Aldo Patriciello

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-

"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.	"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ ***ir-riċerka fundamentali*** il-kompetittività***, l-Universitajiet u l-istituti pubbliċi tar-riċerka, l-attivitajiet intellettwali***, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.

Or. en

Emenda 203
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ ***il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà,*** it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali***.***	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ it-tmexxija ***xjentifika u*** teknoloġika ***u l-eċċellenza tal-UE, il-kompetittività, is-sigurtà, ir-reżiljenza u s-sovranità, is-sostenibbiltà***, u l-koeżjoni soċjali ***tagħha.***

Or. en

Emenda 204
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u

soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, ***is-sostenibbiltà***, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.

soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni ***u tal-Istati Membri tagħha*** fir-R&I, l-Unjoni***, flimkien mal-Istati Membri tagħha,*** jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, ***il-validità għall-futur***, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.

Or. en

Emenda 205
Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija ***teknoloġika***, u l-koeżjoni soċjali.	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija ***u l-eċċellenza xjentifiċi u teknoloġiċi***, u l-koeżjoni soċjali.

Or. en

Emenda 206
Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Mariateresa Vivaldini, Carlo Ciccioli, Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, ***il-ġestjoni tal-oċeani*** u l-koeżjoni soċjali.

Or. en

Emenda 207
Ivars Ijabs, Elisabetta Gualmini, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Michał Kobosko, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali.	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà, it-tmexxija teknoloġika, u l-koeżjoni soċjali ***u territorjali***.

Or. en

Emenda 208
Aura Salla

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà***, it-tmexxija*** teknoloġika***, u l-koeżjoni soċjali***.	(2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsaħħaħ il-kompetittività, ir-reżiljenza, ***l-eċċellenza xjentifika,*** is-sostenibbiltà ***u t-tmexxija*** teknoloġika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, huwa mfassal biex jippromwovi l-eċċellenza xjentifika. Bħala programm ta' riċerka, ma għandux iservi bħala strument ta' koeżjoni. Iż-żamma ta' enfasi ċara fuq l-eċċellenza hija essenzjali biex tiġi żgurata l-kwalità tal-eżiti tar-riċerka u tal-innovazzjoni, u biex tissaħħaħ il-kompetittività.

Emenda 209
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Eszter Lakos, Radan Kanev, Pilar del Castillo Vera, Angelika Winzig, Tomas Tobé, Aura Salla, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali jikkostitwixxu l-valuri fundamentali tal-Unjoni, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija tfittex li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-proċessi kontra l-interferenza mill-barranin, il-

manipulazzjoni tal-informazzjoni u t-theddid sistemiku lis-soċjetajiet miftuħa. Xjenza libera, indipendenti u pluralistika, appoġġata mil-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika, hija indispensabbli għall-funzjonament tal-politiki demokratiċi: din issostni deliberazzjoni pubblika infurmata, tipprovdi liċ-ċittadini u lil dawk li jfasslu l-politiki evidenza affidabbli, u tipprovdi l-iskrutinju kritiku li fuqu tiddependi l-awtonomija. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-objettivi tat-Tarka Ewropea għad-Demokrazija billi jappoġġa r-riċerka fuq it-theddid li jiffaċċjaw id-demokraziji kontemporanji — inklużi d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, il-polarizzazzjoni u t-tnaqqis tal-fiduċja ċivili — u billi jrawwem il-fehim xjentifiku, l-għodod u l-bażi ta' evidenza meħtieġa biex jipproteġi u jippromwovi d-demokrazija Ewropea, l-istituzzjonijiet tagħha u d-drittijiet u l-valuri fundamentali li hija bbażata fuqhom l-Unjoni.

Or. en

Emenda 210
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-programm se jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma adottati mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi żgurat l-involviment tal-Istati Membri u r-reġjuni f'dan il-proċess, jiġifieri li l-Istati Membri u r-reġjuni jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma. Barra minn hekk,

huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti strumenti li jippermettu lill-Istati Membri jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma, li jikkontribwixxu għal aktar trasparenza u jippermettu allinjament akbar tal-programm mal-ħtiġijiet u l-isfidi reali li jiffaċċjaw l-Istati Membri u r-reġjuni, filwaqt li jiżguraw bilanċ tematiku ogħla u allinjament effettiv mal-investiment, l-inizjattivi u l-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali.

Or. en

Emenda 211
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-ħolqien, it-tixrid u t-trasferiment aħjar ta' għarfien eċċellenti, innovazzjoni u teknoloġiji avvanzati fl-Unjoni, irawwem il-karrieri fir-riċerka, jattira u jżomm it-talent fil-livelli kollha u jikkontribwixxi għall-involviment sħiħ tal-ġabra ta' talenti tal-Unjoni, jiffaċilita r-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni u lil hinn minnha, u jsaħħaħ l-impatt tar-R&I fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, jappoġġa u jsaħħaħ l-adozzjoni u l-varar ta' soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli fl-Unjoni u jindirizza l-isfidi Ewropej u dinjin, inkluża l-fruntiera tal-Lvant, u fir-reġjuni li qed jitħabtu mad-dekarbonizzazzjoni li b'hekk jikkontribwixxu biex jiġi eliminat id-distakk fir-R&I fl-UE u mal-mexxejja globali.

Or. en

Emenda 212
András Gyürk

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan l-jsaħħaħ ir-rabtiet kollaborattivi fl-Ewropa u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distakk fir-R&I, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju ta' eċċellenza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-distakk fir-R&I għandu jiġi indirizzat bħala kwistjoni awtonoma, u b'hekk hija proposta premessa ġdida.

Emenda 213
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm jenħtieġ li ***jkun marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi*** jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.	(3) Il-Programm jenħtieġ li jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni***, filwaqt li jiżgura koerenza u komplementarjetà ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, inkluż il-Fond Ewropew għall-Kompetittività stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] u l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbiliti bir-Regolament (UE) [XXX]. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmi ta' governanza robusti li jippermettu djalogu kontinwu bejn il-Pilastru II u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, inklużi fora strateġiċi konġunti, strutturi ta' koordinazzjoni trasparenti u skambji regolari bejn id-DĠ RTD, servizzi oħra tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u atturi***

rilevanti, sabiex tiżgura perkors tal-innovazzjoni bla xkiel mir-riċerka bikrija sal-varar, mingħajr distakki, duplikazzjoni jew pożijiet proċedurali bla bżonn. Il-Kummissjoni għandha tiċċara r-rwoli, il-mandati u d-drittijiet ta' deċiżjoni tal-Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività, il-Bord Strateġiku tal-Partijiet Ikkonċernati tal-FEK u korpi konsultattivi relatati, tiżgura rappreżentanza bilanċjata ta' atturi ta' riċerka flimkien ma' partijiet ikkonċernati industrijali, tiddefinixxi perkorsi ta' progressjoni tat-TRL ċari u tistabbilixxi strumenti ta' tranżizzjoni konkreti bejn l-10 Programm Qafas u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Hija għandha tispeċifika wkoll id-disinn ta' kwalunkwe struttura simili għall-ARPA u r-rwol tal-maniġers tal-portafoll fir-rabta tal-pilastri u l-koordinazzjoni ta' inizjattivi fuq skala kbira, filwaqt li tippreżerva l-missjoni ewlenija, l-awtonomija xjentifika u l-integrità tal-programm ta' Orizzont Ewropa.

---

[3] ĠU C […], […], p. […]

Or. en

Emenda 214
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm jenħtieġ li ***jkun marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi*** jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.	(3) Il-Programm jenħtieġ li jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni***, filwaqt li jiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, inkluż il-Fond Ewropew għall-Kompetittività stabbilit bir-Regolament***

(UE) XXXXXXX, li se jiffoka fuq l-iżvilupp aċċellerat, l-implimentazzjoni u l-kompetittività industrijali u jibdel ir-R&I l-aktar b'saħħithom tal-Ewropa f'espansjoni u varar fuq skala Ewropea. Il-Programmi ta' Ħidma kollha u l-komitoloġija relatata skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu stabbiliti, ġestiti, u adottati esklużivament fil-qafas ta' dan ir-Regolament, indipendentement minn strumenti oħra tal-Unjoni. Minkejja din l-indipendenza, jenħtieġ li tiġi stabbilita rabta strutturali biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tat-teknoloġiji. Għall-attivitajiet taħt il-Programm li jilħqu livell predefinit ta' maturità jew tħejjija teknoloġika (TRL), jenħtieġ li jiġi attivat mekkaniżmu ta' koordinazzjoni dedikat. Dan jenħtieġ li jinkludi laqgħat konġunti regolari tal-konfigurazzjonijiet tal-kumitati rispettivi tal-Programm u tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività biex jiġu żgurati trasferimenti bla xkiel, tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġu sinkronizzati l-prijoritajiet ta' investiment.

---

[3] ĠU C […], […], p. […]

Or. en

Emenda 215
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler, Pilar del Castillo Vera

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm ***jenħtieġ li jkun*** marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività]***[3]*** billi jqiegħed ir-riċerka u	(3) Il-Programm ***huwa*** marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-

l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.

qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni. ***Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività se jsaħħaħ il-kapaċità innovattiva tal-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għat-tnedija tal-aktar eżiti ta' suċċess u meħtieġa tal-proġetti ffinanzjati mill-Programm jew tal-predeċessuri tiegħu. Dan jirrikjedi wkoll li l-proċeduri kollha relatati mal-Programmi ta' Ħidma skont dan ir-Regolament għandhom jiġu stabbiliti esklużivament skont dan ir-Regolament, filwaqt li l-Kummissjoni għandha ssejjaħ fuq bażi regolari laqgħat konġunti tal-konfigurazzjonijiet tal-kumitat tal-programm mill-Programm u mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività b'suġġetti relatati jew li jikkoinċidu. Dawn il-laqgħat jenħtieġ li jkunu bbażati fuq deliberazzjoni u dokumentazzjoni sostantivi, li jippermettu koordinazzjoni effettiva, allinjament tal-programmi ta' ħidma u, fejn xieraq, ippjanar strateġiku konġunt.***

---

[3] ĠU C […], […], p. […]

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tal-emenda 2 tal-Abbozz ta' Rapport. Din tiċċara l-lingwaġġ billi tagħmlu xieraq kemm għall-atti ta' implimentazzjoni kif ukoll għall-atti delegati, meta jitqies li l-Programmi ta' Ħidma tal-Pilastru 2 għandhom ikunu atti delegati. Tiċċara wkoll fejn tinsab ir-responsabbiltà għas-sejħa ta' laqgħat konġunti u li dawn għandhom ikunu laqgħat sostantivi, mhux laqgħat pro forma.

Emenda 216
Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm ***jenħtieġ li jkun***	(3) Il-Programm ***huwa*** marbut mill-

marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.	qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni. ***Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività jenħtieġ li, fost l-oħrajn, isaħħaħ il-kapaċità innovattiva tal-Unjoni billi jintroduċi skema li talloka finanzjament għall-valorizzazzjoni tal-aktar eżiti ta' suċċess u meħtieġa tal-proġetti ffinanzjati mill-Programm jew tal-predeċessuri tiegħu.***
[3] ĠU C […], […], p. […]	[3] ĠU C […], […], p. […]

Or. en

Emenda 217
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Giorgio Gori, Cristina Maestre, Camilla Laureti, Maria Grapini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo, André Franqueira Rodrigues

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm jenħtieġ li jkun marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.	(3) Il-Programm jenħtieġ li jkun marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] ***ibbażat fuq regoli ta' governanza ċari u trasparenti, u*** billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni. ***Tali rabta jenħtieġ li tiżgura t-tranżizzjoni effettiva tal-eżiti tar-riċerka u l-innovazzjoni lejn l-użu u l-adozzjoni fil-ktajjen tal-valur strateġiċi, inklużi l-ktajjen tal-valur agroalimentari u ż-żoni rurali.***
[3] ĠU C […], […], p. […]	***[3] ĠU C […], […], p. […]***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rabta bejn il-Fond Ewropew għall-Klima u Orizzont Ewropa trid tkun sostnuta minn regoli ta' governanza ċari u trasparenti, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u ekwi għall-parteċipanti kollha. Qafas ta' governanza ddefinit sew huwa essenzjali biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jiġu evitati l-koinċidenzi jew l-inkonsistenza bejn iż-żewġ strumenti, u jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni jsarrfu b'mod effettiv fl-użu u l-adozzjoni tul il-ktajjen tal-valur strateġiċi kollha.

Emenda 218
Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Mariateresa Vivaldini, Carlo Ciccioli, Alessandro Ciriani, Lara Magoni, Francesco Torselli, Pietro Fiocchi, Carlo Fidanza, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm jenħtieġ li jkun marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.	(3) Il-Programm jenħtieġ li jkun marbut mill-qrib ***u b'regoli ta' governanza ċari u trasparenti*** mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni. ***Din ir-rabta jenħtieġ li tiżgura li r-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni jissarrfu b'mod effettiv fl-użu u l-adozzjoni fil-ktajjen tal-valur strateġiċi, inklużi l-ktajjen tal-valur agroalimentari u ż-żoni rurali.***
[3] ĠU C […], […], p. […]	[3] ĠU C […], […], p. […]

Or. en

Emenda 219
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm jenħtieġ li jkun ***marbut mill-qrib*** mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività]***[3]*** ***billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija*** tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.	(3) ***Barra minn hekk, minħabba r-rwol fundamentali tal-għarfien xjentifiku għas-sovranità teknoloġika, is-sostenibbiltà u ul-kompetittività,*** il-Programm jenħtieġ li jkun ***artikolat sew*** mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] ***sabiex jiġi żgurat li l-istrateġija*** tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni ***tespandi u tivvalorizza aktar ir-riżultati eċċellenti mwettqa fl-Unjoni taħt il-Programm***.
[3] ĠU C […], […], p. […]	

Or. en

Emenda 220
Nikos Pappas, Anthony Smith

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm ***jenħtieġ li jkun marbut mill-qrib mar-Regolament*** (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.	(3) ***L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi taħt*** il-Programm ***jistgħu jiġu kkomplementati minn attivitajiet taħt programmi u fondi oħra tal-Unjoni bħar-Regolament*** (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.
[3] ĠU C […], […], p. […]	[3] ĠU C […], […], p. […]

Or. en

Emenda 221

Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli, Aldo Patriciello

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-Programm jenħtieġ li jkun marbut ***mill-qrib*** mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi jqiegħed ***ir-riċerka u*** l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.	(3) Il-Programm jenħtieġ li jkun marbut mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività][3] billi jqiegħed l-innovazzjoni ***teknoloġika*** fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni ***li hija l-aktar adattata għas-suq, filwaqt li titqies l-importanza tat-tranżizzjoni minn TRLs baxxi għal TRLs għolja***.
[3] ĠU C […], […], p. […]	[3] ĠU C […], […], p. […]

Or. en

Emenda 222
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Tali konnessjoni ma tridx timmina l-awtonomija, l-integrità, il-viżibbiltà u l-prevedibbiltà tal-programm. Għalhekk, l-10 Programm Qafas jenħtieġ li jibqa' programm awtonomu bil-baġi legali, il-baġit, l-immarkar u l-governanza indipendenti tiegħu stess, u jkun iddedikat esklużivament għal-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni. Filwaqt li koordinazzjoni aktar mill-qrib u regoli komuni jistgħu jtejbu l-effiċjenza amministrattiva, l-10 Programm Qafas jista' jkun marbut mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, iżda jenħtieġ li la jiġi assorbit fih u lanqas ikun ġestit minnu.

Dan huwa meħtieġ biex jiġu evitati l-inċertezza legali, id-dewmien, it-telf taċ-ċarezza tal-missjoni u r-riskju li l-finanzjament jiġi ddevjat lil hinn mill-universitajiet, mill-SMEs u mix-xjenza mmexxija mill-investigaturi. Huwa essenzjali wkoll biex tiġi ppreżervata l-identità ta' Orizzont Ewropa bħala qafas immexxi mix-xjenza li jappoġġa l-katina sħiħa mir-riċerka sal-innovazzjoni fl-interess pubbliku. Hija meħtieġa attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li t-tmexxija politika u d-dipendenza fuq twieqi tal-politika riflessi fil-Fond Ewropew għall-Kompetittività ma jwasslux għal preskrizzjoni żejda akbar.

Or. en

Emenda 223
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) L-artikolazzjoni bejn il-FEK u l-10 Programm Qafas jenħtieġ li tikkostitwixxi pont istituzzjonali bejn ir-riċerka upstream u l-istrumenti tal-kompetittività downstream u sservi bħala mezz biex tinkwadra l-politika tal-innovazzjoni bħala lieva ewlenija tal-kompetittività tal-UE. L-involviment xieraq tal-industrija fil-pjattaformi tematiċi u fil-kriterji ta' evalwazzjoni tal-proġett li jirriflettu r-rilevanza kummerċjali, l-impatt industrijali u r-restrizzjonijiet tal-katina tal-valur speċifika għas-settur jibqa' meħtieġ biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika, titnaqqas il-frammentazzjoni u jiġu appoġġati l-pjanijiet direzzjonali fit-tul tar-riċerka u l-innovazzjoni industrijali. Tali rabta tista' tgħin biex tkopri ċ-ċiklu kollu tal-innovazzjoni billi tgħaqqad il-finanzjament għar-riċerka

mal-istrumenti tal-użu, il-mekkaniżmi tal-adozzjoni mis-suq u l-għodod tal-politika industrijali, u billi tappoġġa perkors koerenti mir-riċerka fundamentali sad-dħul fis-suq, dment li l-arranġamenti ta' governanza jiżguraw kontinwità tul iċ-ċikli ta' programmazzjoni, progressjoni kkoordinata tat-TRLs u allinjament bejn it-twieqi tal-politika u l-attivitajiet tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa.

Or. en

Emenda 224
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3c) Il-governanza tal-Pilastru II, f'artikolazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, jenħtieġ li tkun ibbażata fuq qafas miftuħ li jipprevjeni kwalunkwe forma ta' gwardja madwar konsorzji mhux rappreżentattivi, filwaqt li jiżgura involviment kostanti u strutturat, bi prijorità, tal-Istati Membri, federazzjonijiet industrijali kbar u federazzjonijiet tal-università, flimkien ma' SMEs, atturi reġjonali, il-filantropija u s-soċjetà ċivili. Konsultazzjoni bikrija, strutturata u regolari tul il-fażijiet kollha, inklużi t-tfassil tal-istrateġija, il-programmi ta' ħidma u l-implimentazzjoni, huma essenzjali biex jiġu żgurati r-rilevanza, l-adozzjoni u l-impatt. F'dan ir-rigward, strumenti bħall-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija jiżvolġu rwol importanti biex jallinjaw il-prijoritajiet ta' riċerka mal-ħtiġijiet settorjali u jgħaqqdu dawk li jfasslu l-politika, ir-riċerkaturi u l-prattikanti. Jenħtieġ li jiġu żgurati rwoli ċari għall-industrija fit-tiswir tal-prijoritajiet, it-tfassil ta' sejħiet u s-sorveljanza tal-

implimentazzjoni filwaqt li jiġu ppreżervati l-ftuħ, il-kompetizzjoni u l-aċċessibbiltà. Fl-istess ħin, l-universitajiet u l-Alleanzi tal-Università għandhom jitqiesu f'din l-arkitettura ta' governanza minħabba r-rwol ċentrali tagħhom fl-istrutturar tal-ekosistema Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn l-alleanzi jippromwovu l-kollaborazzjoni transfruntiera, il-mobbiltà tal-istudenti u r-riċerkaturi, u l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-infrastrutturi, u wrew il-kapaċità tagħhom li jaġixxu bħala pjattaformi għall-esperimentazzjoni pan-Ewropea u l-integrazzjoni aktar profonda tal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni minkejja l-governanza frammentata u l-finanzjament ibbażat fuq il-proġetti.

Or. en

Emenda 225
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 3d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3d) L-indipendenza tal-Pilastru I jenħtieġ li tinżamm b'mod sħiħ, u kwalunkwe introduzzjoni ta' direzzjonalità tematika minn fuq għal isfel ma tridx timmina n-natura mmexxija mill-kurżità minn isfel għal fuq tagħha. Is-sejħiet immirati li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ħiliet speċifiċi jistgħu jkunu utli jekk jiġu ġestiti bir-reqqa, iżda ma jridux idgħajfu l-loġika ewlenija tal-ERC u tal-MSCA, li hija essenzjali għaż-żamma tal-eċċellenza bażika tar-riċerka u l-kapaċità tal-Ewropa li tiġġenera għarfien rivoluzzjonarju. Għal dan l-għan, l-użu ta' għotjiet tal-industrija jista' jiġi estiż biex isaħħaħ ir-rabta bejn ir-riċerka fundamentali u l-kompetittività, filwaqt li

tiġi ppreżervata l-awtonomija tar-riċerka.

Or. en

Emenda 226
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa, u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa, u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, inkluż billi tintegra l-perspettiva tal-ġeneru u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fl-istadji kollha tal-programm, mit-tfassil u l-implimentazzjoni sal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, filwaqt li tiżgura wkoll li jkun hemm aċċess ekwu għall-finanzjament, b'mod partikolari għan-nisa, parteċipazzjoni inklużiva tal-atturi rilevanti kollha u li d-diversità titqies fil-kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Ir-riċerka hija qasam li fih in-nisa għandhom inqas aċċess mill-irġiel, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mmexxija min-nisa, li huma intrapriżi li jistgħu u li għandhom rwol importanti f'dan il-qasam jekk jiġu megħjuna.

Emenda 227
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipprova xxejjen l-inugwaljanzi, u ***tippromwovi*** l-ugwaljanza***,*** bejn ***l-irġiel u n-nisa***, u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipprova xxejjen l-inugwaljanzi, u ***tiżgura*** l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri***, u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ***Għal dan l-għan, il-Programm jenħtieġ li jintegra l-ġeneru b'mod trażversali u obbligatorju, inkluża d-dimensjoni tal-ġeneru fil-kontenut tar-R&I biex jinqerdu l-kawżi strutturali tal-ugwaljanzi intersezzjonali bejn il-ġeneru. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun meħtieġ bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet ta' evalwazzjoni, fil-bordijiet tad-diretturi, u fil-gruppi ta' esperti, li jiżgura rappreżentanza ugwali fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.***

Or. en

Emenda 228
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***Barra minn hekk***, l-Unjoni ***jenħtieġ li tipprova xxejjen l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa, u li tiġġieled id-diskriminazzjoni*** f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(4) ***Fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni***, l-Unjoni ***għandha timpenja ruħha għal approċċ strettament ibbażat fuq il-mertu fejn l-aċċess għall-finanzjament, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet u l-progressjoni fil-karriera huma ddeterminati unikament abbażi tal-eċċellenza xjentifika, il-kompetenza u l-prestazzjoni, irrispettivament mill-ġeneru jew kwalunkwe karatteristika oħra bbażata fuq l-identità,*** f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 229
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipprova xxejjen l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-ugwaljanza***,*** bejn ***l-irġiel u n-nisa,*** u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipprova xxejjen l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri fir-R&Ż*** u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 230
Ivars Ijabs, Emma Wiesner, Elisabetta Gualmini, Christophe Grudler, Sophie Wilmès, Barry Andrews, Morten Løkkegaard, Michał Kobosko, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipprova xxejjen l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-ugwaljanza***,*** bejn ***l-irġiel u n-nisa,*** u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li tipprova xxejjen l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri*** u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 231
Ivars Ijabs, Emma Wiesner, Elisabetta Gualmini, Anna Stürgkh, Christophe Grudler, Sophie Wilmès, Barry Andrews, Morten Løkkegaard, Michał Kobosko, Bart Groothuis, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) (ġdida) Il-libertà akkademika hija waħda mill-valuri fundamentali tal-Unjoni, minquxa fl-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u għadha essenzjali għall-integrità u l-futur tas-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea. F'kuntest fejn din il-libertà qed tiġi sfidata dejjem aktar kemm fl-Ewropa kif ukoll globalment — minn pressjonijiet fuq ir-riċerkaturi, restrizzjonijiet fuq l-espressjoni akkademika, u interferenza politika u istituzzjonali dejjem akbar — il-protezzjoni u l-promozzjoni tagħhom iridu jiġu ttrattati bħala prijorità strateġika. Kwalunkwe dgħajfien tal-libertà, kemm jekk minn pressjonijiet esterni jew erożjoni interna, jimmina l-pedamenti tad-demokrazija, tal-inkjesta miftuħa u t-tfassil tal-politiki bbażati fuq l-evidenza. Il-libertà akkademika trid tinftiehem bħala li tinkludi l-libertà għar-riċerka, it-tagħlim u l-apprendiment, u għall-eżerċitar tal-espressjoni akkademika, u tiddependi minn kundizzjonijiet abilitanti ewlenin bħall-awtonomija istituzzjonali, l-awtogovernanza, kundizzjonijiet tax-xogħol siguri u finanzjament xieraq. Għalhekk, l-iżgurar ta' salvagwardji legali u appoġġ istituzzjonali robusti għal-libertà akkademika fil-pajjiżi kollha assoċjati mal-programmi tal-Unjoni huwa indispensabbli biex jiġu rispettati l-valuri demokratiċi, tinżamm l-eċċellenza xjentifika, u tiġi ppreżervata l-fiduċja fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka.

Or. en

Emenda 232
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-istrutturi tax-xjenza, tat-teknoloġija u soċjali huma interkonnessi b'mod inerenti, fejn l-evoluzzjoni tagħhom tissawwar b'mod reċiproku u tkun interdipendenti. L-iżvilupp, it-tixrid u l-adozzjoni tat-teknoloġiji huma influwenzati b'mod sinifikanti minn fatturi soċjali u jistgħu jwasslu għal trasformazzjonijiet mhux intenzjonali tal-istrutturi tas-soċjetà. L-indirizzar ta' din id-din id-dinamika jirrikjedi li l-Programm jipprovdi interdixxiplinarjetà b'saħħitha, b'mod partikolari permezz tal-integrazzjoni msaħħa tax-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi permezz tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż mill-aktar stadji bikrin tal-iżvilupp tat-teknoloġija, u li jiddedika biżżejjed riżorsi u sforzi għalih.

Or. en

Emenda 233
Nikos Pappas, Anthony Smith

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Peress li n-nisa huma affettwati minn firxa ta' ostakli speċifiċi għall-ġeneru fl-aċċess għall-kura tas-saħħa u jbatu minn nuqqas ta' riċerka medika

sensittiva għall-ġeneru, li jwassal għal dewmien fid-dijanjostika u fl-aċċess f'waqtu għal trattamenti effettivi, huma meħtieġa, u jenħtieġ li jiġu integrati b'mod sistematiku fil-Programm Orizzont, aktar sforzi u investimenti fl-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni ffukati fuq it-tnaqqis tad-differenza fis-saħħa bejn il-ġeneri, permezz tal-iżvilupp ta' għodod tas-saħħa ġodda u mtejba għal kundizzjonijiet li jaffettwaw lin-nisa b'mod speċifiku, differenti u sproporzjonat.

Or. en

Emenda 234
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi b'mod attiv l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati pubblikament, u tal-evidenza xjentifika inġenerali, biex jippromwovi l-ħolqien ta' politiki pubbliċi bbażati fuq l-evidenza fil-livelli kollha. Jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fuq l-iżgurar li l-għarfien xjentifiku jkun aċċessibbli u rilevanti għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u għaċ-ċittadini.

Or. en

Emenda 235
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András Gyürk, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni ***u tal-Istati Membri tagħha*** kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, ***u għandu jiġi artikolat mal-prijoritajiet stabbiliti mill-Istati Membri fl-oqfsa ta' programmazzjoni pluriennali rispettivi tagħhom, b'rispett sħiħ tal-mudelli istituzzjonali, il-kompetenzi nazzjonali u s-sistemi akkademiċi u t-tradizzjonijiet universitarji tagħhom,*** filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.

Or. en

Emenda 236
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Eszter Lakos, Radan Kanev, Pilar del Castillo Vera, Angelika Winzig, Aura Salla, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, ***il-finanzjament*** jenħtieġ li ***jqis*** kif xieraq ***il-***	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, ***id-deċiżjonijiet ta' finanzjament*** jenħtieġ li

ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.

jqisu kif xieraq ***kif ix-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jikkontribwixxu bl-aħjar mod għall-ħtiġijiet*** ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit. ***Din il-kunsiderazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-realtà li l-investimenti fix-xjenza, fir-riċerka u fl-innovazzjoni issa huma l-pedament għall-kapaċità tal-Unjoni li tirreaġixxi għall-ħtiġijiet ta' politika fil-futur.***

Or. en

Emenda 237
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' ***qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu*** aktar ***flessibbli***. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li ***jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit***.	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' ***programm*** aktar ***reattiv u inqas preskrittiv***. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li ***jkun imfassal biex ikun immexxi mill-esperti u jkollu żminijiet ta' implimentazzjoni iqsar milli fil-Programmi Qafas preċedenti***.

Or. en

Emenda 238
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li ***jqis kif xieraq il-ħtiġijiet*** ta' politika ***li qed jevolvu*** u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li ***jieħu ħsieb l-evoluzzjoni possibbli tal-ħtiġijiet*** ta' politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit***, u għall-appoġġ tar-riċerka bażika u tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mal-isfidi globali ewlenin tas-soċjetà***.

Or. en

Emenda 239
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-

ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti ***għall-implimentazzjoni*** tal-baġit.

ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, ***kif ukoll iqis il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet fl-Istati Membri u r-reġjuni individwali,*** filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti ***għall-benefiċjarji sabiex jippermetti implimentazzjoni*** tal-baġit ***effettiva***.

Or. en

Emenda 240
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.

Emenda

(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti ***għat-twettiq tal-attivitajiet tar-R&I fit-tul u fuq perjodu ta' żmien qasir, kif ukoll*** għall-implimentazzjoni tal-baġit.

Or. en

Emenda 241
Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' ***qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu*** aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, ***il-finanzjament*** jenħtieġ li ***jqis*** kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni ***kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill***, filwaqt li ***jiżgura*** prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' ***programm*** aktar flessibbli***, aġli u inqas preskrittiv***. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, ***l-allokazzjoni tal-finanzjament*** jenħtieġ li ***tkun immexxija mill-esperti u tqis*** kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni, filwaqt li ***tiżgura*** prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.

Or. en

Emenda 242
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati ***mill-esperti u*** fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-

implimentazzjoni tal-baġit ***u jistabbilixxi baġit annwali minimu għal kull parti tal-Programm***.

Or. en

Emenda 243
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli, Aldo Patriciello

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli ***u simplifikati***. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni ***u l-flessibbiltà*** tal-baġit.

Or. en

Emenda 244
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Giorgio Gori, Cristina Maestre, Camilla Laureti, Maria Grapini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo, André Franqueira Rodrigues

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas

finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.	finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq ***kollha*** tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-flessibbiltà fin-nefqa għandha tapplika b'mod orizzontali fis-setturi kollha meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan. Approċċ newtrali għas-setturi jiżgura li l-appoġġ ikun jista' jiġi mmirat lejn dak li huwa l-aktar meħtieġ, filwaqt li jirrifletti d-diversità tal-benefiċjarji u tar-realtajiet operazzjonali, u jevita li joħloq disparitajiet mhux ġustifikati fit-trattament tal-parteċipanti fl-oqsma differenti kollha.

Emenda 245
Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Mariateresa Vivaldini, Carlo Ciccioli, Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Carlo Fidanza, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.	(5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u programmi tal-infiq ***kollha*** tal-Unjoni tiegħu li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.

Emenda 246
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli, Aldo Patriciello

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi skont il-Kapitolu V "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura, Produzzjoni tal-Ikel, Sigurtà tal-Ikel u Bijoekonomija" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività jenħtieġ li jkollhom riżorsi adegwati. Biex jiġi ppreżervat, meta mqabbel mal-programm preċedenti, is-sehem tal-finanzjament allokat għall-attivitajiet agrikoli u dawk relatati mal-ikel skont il-Kapitolu V, l-ammont jenħtieġ li jiżdied biex jirrifletti t-tkabbir ġenerali tal-istrument u tal-isfidi strateġiċi tas-settur. Fid-dawl tat-tnaqqis propost għall-pakketti tal-PAK u dawk relatati mal-agrikoltura fil-QFP, hemm riskju li l-agrikoltura titlef il-viżibbiltà strateġika fir-raggruppament. Minħabba l-importanza strateġika tal-agrikoltura u tas-sigurtà tal-ikel għall-kompetittività, ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, il-Programm jenħtieġ li jiżgura finanzjament stabbli u prevedibbli permezz ta' allokazzjoni dedikata u protetta. Biex jiġu żgurati l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-finanzjament u li l-ebda prijorità ma tiġi segwita għad-detriment ta' oħrajn, mill-inqas 50 % tar-riżorsi fil-Kapitolu V jenħtieġ li jkunu delimitati għall-azzjonijiet relatati direttament mal-agrikoltura, mal-ikel u mas-sigurtà tal-ikel, inklużi l-produzzjoni primarja, is-sistemi tal-biedja, il-bhejjem, il-produzzjoni tal-pjanti, il-ktajjen tal-provvista tal-ikel u r-reżiljenza tal-ikel, l-innovazzjoni tal-ilma u d-diġitizzazzjoni. L-allokazzjoni jenħtieġ li tikkostitwixxi

ammont minimu vinkolanti u jenħtieġ li ma tiġix allokata mill-ġdid lil oqsma ta' politika oħra matul l-implimentazzjoni tal-Programm.

Or. en

Emenda 247
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni.	(6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni. ***Il-prinċipju tal-ftuħ jenħtieġ li jinftiehem bħala li japplika fejn xieraq u sa fejn ikun possibbli, bi preferenza għall-kooperazzjoni mal-Istati Membri u ma' pajjiżi assoċjati fuq pajjiżi kandidati u pajjiżi terzi oħra, inklużi dawk li magħhom l-Unjoni kkonkludiet Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles, Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni jew Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika. L-adozzjoni ta' approċċ varjat, granulari u mmexxi mill-iskop lejn il-kooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-interferenza mill-barranin u għar-riskji ta' sigurtà, il-ftuħ lejn pajjiżi assoċjati u terzi jenħtieġ li jibqa' kundizzjonali u proporzjonat, f'konformità mal-prinċipju "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ", u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-interessi strateġiċi, is-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 248
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni.	(6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni ***billi titrawwem il-kollaborazzjoni tranżnazzjonali, tiġi promossa t-trasparenza fl-għażla u fl-implimentazzjoni tal-proġetti, u jiġi ffaċilitat l-aċċess għar-riżultati għall-akbar udjenza possibbli, inklużi l-akkademja, is-settur privat u s-soċjetà ċivili***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-kooperazzjoni estensiva bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri f'linji differenti hija ta' benefiċċju għall-Unjoni Ewropea u għall-implimentazzjoni rapida tal-proġetti u t-tixrid tar-riżultati għall-benefiċċju tal-atturi kollha.

Emenda 249
Katri Kulmuni, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni.	(6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni. ***Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-parteċipanti l-ġodda u tal-SMEs trid tiġi ffaċilitata biex tinkludi ideat ġodda u tevita d-dominanza tal-operaturi stabbiliti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Increasing the participation of newcomers and SMEs is crucial to create new ideas and approaches for research and innovation and avoid a dominance of incumbents as beneficiaries. Therefore, the European Commission should be forced to facilitate their participation in supported projects by providing bonuses, calls targeted specifically towards newcomers and SMEs or by providing other forms of incentives ensuring that more SMEs become part of project consortia. The 20% target for SMEs in the former Horizon 2020 program worked well in this direction and increased the participation of newcomers and SMEs.

Emenda 250
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira	(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp ***sa tmiem il-Programm***. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà

ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.	bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom. ***Meta jitqies li, skont statistika tal-passat, il-Programm Qafas jirrappreżenta biss 7 % tal-infiq pubblika fir-R&I fl-Unjoni, il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod li jipprovdi sinerġiji li jsaħħu lil xulxin u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' programmi nazzjonali rilevanti oħra, kif ukoll mal-istrumenti rilevanti tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, il-PSNR u l-Fond għall-Innovazzjoni.***
	Or. en

Emenda 251
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq ***dik*** il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. ***L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-***	(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp ***u jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni fl-Unjoni u mal-kompetituri globali***. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew ***u bl-użu ta' oqfsa statistiċi eżistenti fil-livell tal-Unjoni***. Biex tintlaħaq il-mira ***tal-PDG għar-R&Ż***, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm

investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.

bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

Or. en

Emenda 252
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u	(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp ***u jikkontribwixxi biex jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni fl-Unjoni u mal-kompetituri globali***. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew ***u bl-użu ta' oqfsa statistiċi eżistenti fil-livell tal-Unjoni***. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta

l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.

mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien ***u xprunatur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku, tal-produttività u tal-kompetittività globali fit-tul***. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.

Or. en

Emenda 253
Nikos Pappas, Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku ***u*** privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin	(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku ***bħala prijorità u, fejn xieraq, investiment*** privat ***komplementari*** fir-R&I***, filwaqt li jiżgura li l-appoġġ tal-Unjoni ma jservix primarjament biex ineħħi r-riskju tal-kapital privat mingħajr redditu soċjali, territorjali u ambjentali adegwat*** fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-

sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.	innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.
	Or. en

Emenda 254
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija	(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. ***Il-Programm jenħtieġ li jħeġġeġ, permezz ta' azzjonijiet speċifiċi, l-iżvilupp ta' infrastrutturi teknoloġiċi, inklużi sejħiet pilota għal proposti.*** L-Unjoni għamlet progress

hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.

kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.

Or. en

Emenda 255
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin	(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni***, inkluż permezz ta' azzjonijiet kollaborattivi transfruntiera u tranżnazzjonali li jingranaw il-kapaċitajiet tal-atturi kollha***. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda

sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.	għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-Istati Membri, permezz tal-awtoritajiet kompetenti, jaħdmu flimkien mas-settur privat biex itejbu l-Programm permezz ta' investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, inklużi azzjonijiet kollaborattivi transfruntiera u tranżnazzjonali, li jikkapitalizzaw fuq il-kapaċitajiet tal-atturi kollha.

Emenda 256
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, András Gyürk

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, ***u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mqar 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka*** u ***l-iżvilupp. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I*** jenħtieġ li jiġi vvalutat ***bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati*** Membri u s-settur privat ***jenħtieġ li*** jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni***. L-Unjoni***	(7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, ***billi jappoġġa l-prestazzjoni xjentifika u teknoloġika fit-tul u jsaħħaħ il-kundizzjonijiet għal valorizzazzjoni effettiva tar-riżultati tar-riċerka. Il-miri tan-nefqa kwantitattiva waħedhom mhumiex biżżejjed biex jirriflettu l-prestazzjoni tar-riċerka*** u ***tal-innovazzjoni u jenħtieġ li ma jipprevalux fuq indikaturi kwalitattivi, tal-impatt u bbażati fuq l-eżiti. Għalhekk, il-progress*** jenħtieġ li jiġi vvalutat ***abbażi ta' sett bilanċjat ta' indikaturi, inklużi, fost l-oħrajn, l-eċċellenza xjentifika, il-kwalità u l-impatt tal-pubblikazzjonijiet, l-attività ta' ħruġ***

għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, tagħraf l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien. ***Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati*** Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp***, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom***.

ta' privattivi, it-tmexxija teknoloġika, l-effettività tat-trasferiment tal-għarfien, il-perkorsi mil-laboratorju għas-suq, l-adozzjoni industrijali, u l-kapaċità tal-kumpaniji innovattivi li jespandu u jikkompetu fuq livell globali. Jenħtieġ li l-Programm jinċentiva lill-Istati Membri u s-settur privat ***biex*** jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni***, filwaqt li jirrispettaw l-istrateġiji tar-riċerka, il-mudelli istituzzjonali u l-prijoritajiet ta' finanzjament***. ***L-Istati*** Membri ***għandhom*** jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp.

Or. en

Emenda 257
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-governanza tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi tal-Programm jenħtieġ li tkun iggwidata minn Kunsilli magħmula minn esperti prominenti mix-xjenza, l-innovazzjoni, l-industrija u s-soċjetà ċivili, u implimentata minn timijiet ta' esperti li jingħataw is-setgħa li jfasslu sejħiet għal proposti fil-prijoritajiet tematiċi ġenerali; il-prijoritajiet tematiċi ġenerali, inkluż il-baġit disponibbli għal kull prijorità, se jiġu stabbiliti fil-Programmi ta' Ħidma adottati mill-Kummissjoni permezz ta' Atti Delegati. Dawn għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati u b'mod partikolari t-tieni kapitolu tal-Fehim Komuni dwar il-

konsultazzjoni fit-tħejjija u t-tfassil tal-atti delegati. Dan jiżgura involviment strutturat u bikri tal-esperti tal-Istati Membri, tal-Parlament u tal-Kunsill. Il-Programmi ta' Ħidma se jkopru 3 snin, b'kull sena tal-aħħar tikkoinċidi mal-ewwel sena tal-Programm ta' Ħidma li jmiss. Dan jagħti lit-timijiet ta' esperti biżżejjed żmien biex jaħdmu, u joffri prevedibbiltà lill-applikanti, filwaqt li jżomm il-flessibbiltà meħtieġa maż-żmien. L-osservatorju dwar it-teknoloġiji emerġenti stabbilit taħt il-Fond Ewropew għall-Kompetittività jenħtieġ li jiżvolġi rwol importanti fit-tħejjija tal-Programmi ta' Ħidma. Dan l-approċċ jirrifletti r-rakkomandazzjoni mir-rapport Draghi li l-ġestjoni tal-Programm titħalla f'idejn persuni b'rekord ippruvat fil-fruntiera tal-innovazzjoni u huwa konformi mar-rakkomandazzjoni mir-Rapport tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa tas-6 ta' Diċembru 2024 (ir-"rapport Heitor") biex jiġu stabbiliti Kunsilli dedikati biex jiggwidaw ir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi. L-interazzjoni bejn il-Kummissjoni, il-Kunsilli, it-timijiet ta' esperti u l-Kumitati tal-Programm toħloq sistema li tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jżommu l-kontroll sħiħ fuq l-allokazzjoni tal-finanzjament filwaqt li tippermetti lill-esperti jwasslu Programm pijunier u aġli. Sabiex jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv, l-esperti ewlenin u t-timijiet ta' esperti tagħhom jenħtieġ li jiġu ingaġġati fuq bażi full-time, filwaqt li jiżguraw il-profondità tal-impenn u l-kontinwità tal-għarfien espert meħtieġ biex jitfasslu sejħiet ta' kwalità għolja u biex jinvolvu ruħhom b'mod sinifikattiv fl-ekosistema usa' tar-riċerka u l-innovazzjoni. It-timijiet ta' esperti jenħtieġ li jinvolvu ruħhom b'mod proattiv ma' atturi rilevanti mill-industrija, l-akkademja, is-soċjetà ċivili u l-komunità tal-investiment sabiex jiġbru intelligence strateġika dwar il-ħtiġijiet emerġenti, l-iżviluppi teknoloġiċi u d-

dinamika tas-suq, sabiex is-sejħiet jirriflettu opportunitajiet u sfidi tad-dinja reali. Barra minn hekk, it-timijiet ta' esperti jenħtieġ li jakkumpanjaw il-proġetti magħżula taħt is-sejħiet li huma responsabbli għalihom matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett, billi jipprovdu appoġġ, jiffaċilitaw l-aċċess għal networks rilevanti u jrawmu rabtiet bejn proġetti fejn ikun hemm interess komuni jew fejn koordinazzjoni aktar mill-qrib tiġġenera valur miżjud għall-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija identika għall-emenda 5 mill-Abbozz ta' Rapport iżda tikkoreġi żball wieħed f'dik l-emenda. L-emenda 5 tirreferi għall-proċedura ta' eżami, li tapplika għall-Atti ta' Implimentazzjoni, filwaqt li l-Programmi ta' Ħidma għandhom jiġu adottati bħala atti delegati, f'konformità mal-Fehim Komuni biex tiġi żgurata konsultazzjoni mal-esperti tal-Istati Memebri kif ukoll l-involviment tal-Parlament u tal-Kunsill, qabel l-adozzjoni tal-att delegat.

Emenda 258
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-governanza tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi tal-Programm jenħtieġ li tkun iggwidata minn Kunsilli magħmula minn esperti prominenti mix-xjenza, l-innovazzjoni, l-industrija u s-soċjetà ċivili li huma ġejjin mid-dixxiplini u s-setturi differenti, u implimentati minn timijiet ta' esperti; il-prijoritajiet tematiċi ġenerali, inkluż il-baġit disponibbli għal kull prijorità, se jiġu stabbiliti fil-Programmi ta' Ħidma adottati mill-Kummissjoni fil-proċedura ta' eżami. Il-Programmi ta' Ħidma se jkopru 3 snin, b'kull sena tal-aħħar

tikkoinċidi mal-ewwel sena tal-Programm ta' Ħidma li jmiss. Dan jagħti lit-timijiet ta' esperti biżżejjed żmien biex jaħdmu, u joffri prevedibbiltà lill-applikanti, filwaqt li jżomm il-flessibbiltà meħtieġa maż-żmien. L-osservatorju dwar it-teknoloġiji emerġenti stabbilit taħt il-Fond Ewropew għall-Kompetittività jenħtieġ ukoll li jiżvolġi rwol importanti fit-tħejjija tal-Programmi ta' Ħidma. L-interazzjoni bejn il-Kummissjoni, il-Kunsilli, it-timijiet ta' esperti u l-Kumitati tal-Programm toħloq sistema li tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi jżommu l-kontroll sħiħ fuq l-allokazzjoni tal-finanzjament filwaqt li tippermetti lill-esperti jwasslu Programm pijunier u aġli. Il-qafas ta' governanza jenħtieġ li jiżgura li l-Kummissjoni żżomm responsabbiltà sħiħa u effettiva biex tipproponi lir-rappreżentanti tal-kumitat tal-programm id-definizzjoni tal-prijoritajiet, il-kontenut tas-sejħiet għal proposti u l-allokazzjoni tal-finanzjament, f'konformità mal-objettivi tal-Programm. Il-Kunsill u t-timijiet ta' esperti jenħtieġ li jipprovdu kontribut konsultattiv indipendenti u analiżi strateġika u jenħtieġ li ma jeżerċitawx is-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet fit-tħejjija jew fl-adozzjoni ta' Programmi ta' Ħidma jew sejħiet għal proposti. Il-ħidma tagħhom jenħtieġ li tirrifletti kunsiderazzjoni bilanċjata tal-eċċellenza xjentifika, tal-ħtiġijiet tar-riċerka fit-tul u tal-isfidi tas-soċjetà, u jenħtieġ li ma tkunx esklużivament immexxija minn kunsiderazzjonijiet industrijali jew tas-suq fuq terminu qasir. It-timijiet ta' esperti jenħtieġ li jinvolvu ruħhom b'mod proattiv ma' atturi rilevanti mill-industrija, l-akkademja, is-soċjetà ċivili u l-komunità tal-investiment sabiex jiġbru intelligence strateġika dwar il-ħtiġijiet emerġenti, l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-soċjetà inkluża d-dinamika tas-suq, sabiex is-sejħiet jirriflettu opportunitajiet u sfidi tad-dinja reali, inklużi dawk relatati mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Barra minn hekk, it-timijiet ta' esperti jenħtieġ li

jakkumpanjaw il-proġetti magħżula taħt is-sejħiet li huma responsabbli għalihom matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett, billi jipprovdu appoġġ, jiffaċilitaw l-aċċess għal networks rilevanti u jrawmu rabtiet bejn proġetti fejn ikun hemm interess komuni jew fejn koordinazzjoni aktar mill-qrib tiġġenera valur miżjud għall-Unjoni.

Or. en

Emenda 259
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ ukoll li jissaħħu s-sinerġiji bejn il-Programm u programmi u strumenti rilevanti oħra tal-UE, nazzjonali u reġjonali. Għal dan l-għan, il-Programm jenħtieġ li jiffaċilita r-rikonoxximent ta' azzjonijiet eċċellenti li ħaqqhom jingħataw prijorità fil-livell tal-UE, nazzjonali jew reġjonali, b'mod partikolari għal dawk li ma setgħux jiġu ffinanzjati minħabba restrizzjonijiet baġitarji, permezz tal-għoti ta' Siġill ta' Eċċellenza. Barra minn hekk, sabiex ikompli jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali u l-Programm, u biex jiffaċilita aktar l-adozzjoni ta' proġetti eċċellenti appoġġati fil-livell nazzjonali u reġjonali, il-Programm jenħtieġ li jimplimenta aċċess iffaċilitat għal attivitajiet eċċellenti li huma diġà appoġġati minn programmi tal-innovazzjoni dedikati fil-livell nazzjonali jew reġjonali, taħt l-attivitajiet tat-Tranżizzjoni tal-EIC. Sabiex jiġu żgurati l-ġustizzja, it-trasparenza u kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, ir-rikonoxximent ta' programmi nazzjonali

u reġjonali għal dak l-għan jenħtieġ li jkun soġġett għal ċertifikazzjoni mill-Kummissjoni bbażata fuq kriterji trasparenti, oġġettivi u verifikabbli.

Or. en

Emenda 260
Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) It-tishiħ tal-kompetittività u tar-reżiljenza fit-tul tal-Unjoni jenħtieġ li jagħti prijorità lill-eċċellenza fir-R&I kif ukoll jagħti spinta lill-kapaċità territorjali biex tiġi ġġenerata, assorbita u implimentata l-innovazzjoni madwar l-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni jirrappreżentaw mutur ewlieni tat-trasformazzjoni u l-konverġenza ekonomiċi, u jippermettu lir-reġjuni jibnu ekosistemi tal-innovazzjoni li jiffunzjonaw, itejbu l-ktajjen tal-valur industrijali u jsarrfu l-eżiti tar-riċerka fi produttività, impjiegi ta' kwalità u tkabbir tal-produttività fit-tul. Għalhekk, fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq koordinazzjoni u komplementarjetà aktar b'saħħithom bejn Orizzont Ewropa u l-Politika ta' Koeżjoni biex jiġu evitati l-frammentazzjoni, id-duplikazzjoni jew l-użu subottimali tar-riżorsi pubbliċi.

Or. en

Emenda 261
Ivars Ijabs, Elisabetta Gualmini, Anna Stürgkh, Christophe Grudler, Barry Andrews, Morten Løkkegaard, Michał Kobosko, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) (ġdida) (7b) Il-governanza mmexxija mill-esperti tal-Programm, inkluż permezz ta' Kunsilli u timijiet ta' esperti dedikati bis-setgħa li jfasslu sejħiet għal proposti u jinvolvu ruħhom fl-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, hija essenzjali biex jiġu żgurati l-kwalità xjentifika u r-rilevanza strateġika ta' azzjonijiet iffinanzjati. Madankollu, il-prossimità bejn dawk responsabbli għat-tfassil ta' sejħiet u dawk li jevalwaw il-proposti ppreżentati tagħhom toħloq riskju strutturali ta' kunflitt ta' interess li jrid jiġi indirizzat permezz ta' salvagwardji proċedurali robusti. Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-proposti għandha titwettaq fuq bażi ta' evalwazzjoni anonima, li tiżgura li l-evalwaturi ma jkollhomx aċċess għall-identità tal-applikanti jew tal-affiljazzjonijiet istituzzjonali tagħhom matul il-valutazzjoni tal-eċċellenza.

Or. en

Emenda 262
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-Programm għandu jqis l-iżvilupp rapidu u l-potenzjal trasformattiv tat-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali fl-oqsma kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan għandu jippromwovi l-użu responsabbli, etiku, affidabbli u ċċentrat fuq il-bniedem tagħhom f'konformità mal-valuri tal-Unjoni u mal-oqfsa legali

applikabbli. Minħabba n-natura li qed tevolvi malajr tal-intelliġenza artifiċjali, il-Programm jenħtieġ li jiżgura approċċ flessibbli u li jħares 'il quddiem, inkluż monitoraġġ xieraq tal-użu u tal-impatti tagħha, sabiex jappoġġa l-eċċellenza, jissalvagwardja l-integrità tar-riċerka u jimmassimizza l-benefiċċji tas-soċjetà u dawk ekonomiċi maż-żmien.

Or. en

Emenda 263
Eszter Lakos

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) L-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni hija fundamentali għall-kompetittività tal-Ewropa u tista' tinkiseb kompletament biss meta l-Istati Membri kollha jingħataw is-setgħa li jikkontribwixxu, billi hija meħtieġa Żona Ewropea tar-Riċerka aktar b'saħħitha u aktar koeżiva li tnaqqas id-distakki persistenti fl-innovazzjoni, tippromwovi l-parteċipazzjoni inklużiva, u tavvanza l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni f'teknoloġiji strateġiċi ewlenin f'koerenza mal-objettivi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

Or. en

Emenda 264
Morten Løkkegaard, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(7a) Il-governanza tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi tal-Programm jenħtieġ li tiġi implimentata minn timijiet ta' esperti transdixxiplinari, inkluż minn xjenzi fundamentali u applikati. Dawn it-timijiet ta' esperti jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jfasslu sejħiet għal proposti fil-prijoritajiet tematiċi ġenerali. Il-prijoritajiet tematiċi ġenerali jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-Programmi ta' Ħidma tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 265
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Il-governanza tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni kollaborattivi tal-Programm jenħtieġ li tkun iggwidata mill-prinċipju li l-finanzjament tar-riċerka pubblika jservi l-objettivi ta' interess pubbliku li jestendu lil hinn mill-valorizzazzjoni kummerċjali. Filwaqt li l-Programm jenħtieġ li jiffaċilita l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riżultati tar-riċerka, inkluż permezz ta' sinerġiji mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, is-sejħiet għal proposti taħt it-twieqi tar-riċerka kollaborattiva ma għandhomx jitfasslu primarjament biex inaqqsu r-riskju kummerċjali għall-investituri privati jew jikkonsolidaw il-pożizzjoni fis-suq ta' operaturi industrijali stabbiliti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li kull programm ta' ħidma jinkludi valutazzjoni espliċita ta' kif il-prijoritajiet tematiċi u t-tfassil tas-sejħiet iservu l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' benefiċjarji pubbliċi, inklużi ċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet pubbliċi, l-intrapriżi żgħar

u ta' daqs medju u r-riċerkaturi minn pajjiżi tat-twessigħ u minn reġjuni moderati u emerġenti f'konformità mat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Reġjonali.

Or. en

Emenda 266
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Bħal f'Orizzont Ewropa,*** id-definizzjonijiet tal-OECD fir-rigward tal-livelli ta' tħejjija teknoloġika (TRLs) jenħtieġ li ***jibqgħu*** jitqiesu fil-klassifikazzjoni ***tar-riċerka*** teknoloġika, fl-iżvilupp tal-prodotti u fl-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, u fid-definizzjoni ta' tipi ta' azzjoni disponibbli fis-sejħiet għall-proposti. Jenħtieġ li ma jingħatawx għotjiet għal azzjonijiet meta l-attivitajiet ikunu jaqbżu t-TRL 8. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li l-programm ta' ħidma jippermetti għotjiet għal validazzjoni tal-prodotti fuq skala kbira u replikazzjoni tas-suq għal sejħa partikolari skont il-parti "Kompetittività u Soċjetà".***	(8) Id-definizzjonijiet tal-OECD fir-rigward tal-livelli ta' tħejjija teknoloġika (TRLs) jenħtieġ li jitqiesu***, fejn rilevanti,*** fil-klassifikazzjoni ***tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni skont il-livell ta' maturità*** teknoloġika ***tagħhom***, fl-iżvilupp tal-prodotti u fl-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, u fid-definizzjoni ta' tipi ta' azzjoni disponibbli fis-sejħiet għall-proposti. Jenħtieġ li ma jingħatawx għotjiet għal azzjonijiet meta l-attivitajiet ikunu jaqbżu t-TRL 8.

Or. en

Emenda 267
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8a) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-istadji kollha tal-attivitajiet u l-inizjattivi tar-riċerka u l-innovazzjoni speċjalment fi proġetti kollaborattivi u fis-Sħubijiet Ewropej.

Or. en

Emenda 268
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Hélder Sousa Silva, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta ***din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni*** effettiva ***biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta'*** Sħubijiet ***Ewropej***.	(9) ***Bħala komplement għall-approċċ immexxi mill-esperti,*** jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta ***jkun hemm valur miżjud suffiċjenti tal-UE muri mir-rieda li jsir investiment, preferibbilment kemm mill-Unjoni kif ukoll mill-Istati Membri, u jenħtieġ li jiġu stabbiliti vetturi legali dedikati - inklużi dawk taħt l-Artikoli 185 u 187 tat-TFUE. Jenħtieġ li jkun possibbli li dawn il-vetturi legali jingħataw baġit sinifikanti biex tinħoloq massa kritika fl-Unjoni biex jintlaħqu l-objettivi tagħha, kif ukoll awtonomija operazzjonali suffiċjenti biex jiġu segwiti l-objettivi f'dinja li qed tinbidel malajr. L-iskala ta' Sħubija jenħtieġ li tinkiseb billi jiġi pprovdut finanzjament sostanzjali lil settur jew qasam teknoloġiku definit sew, u mhux billi setturi jew suġġetti diverġenti jingħaqdu f'vettura unika, minħabba li tali konsolidazzjoni tnaqqas l-enfasi strateġika u timmina l-prijoritizzazzjoni*** effettiva***. Meta jkun rilevanti, dawn il-vetturi jistgħu jimplimentaw baġits minn Programmi tal-Unjoni oħra. B'mod***

partikolari, dawn il-vetturi jistgħu jkunu l-istrumenti użati meta l-prijoritajiet tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività jkunu jirrikjedu l-implimentazzjoni ta' aġenda konġunta tar-riċerka u tal-użu għal ekosistema partikolari li tirrikjedi finanzjament kemm mill-Programm kif ukoll mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta jingħataw is-setgħa biex jimplimentaw partijiet mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività, dan irid jiġi ġġustifikat kif xieraq, pereżempju bl-istruttura tas-suq globali. Id-deċiżjonijiet dwar il-ħolqien ta' Sħubijiet***, inklużi dawn il-vetturi legali, se jittieħdu każ b'każ u fil-kuntest tal-proċeduri ta' politika rilevanti, inklużi l-proċeduri leġiżlattivi***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-parti l-kbira hija identika għall-emenda 6 tal-Abbozz ta' Rapport iżda b'żewġ punti ġodda. L-ewwel, il-bidu issa jiċċara li s-Sħubijiet huma mezz ieħor ta' implimentazzjoni tal-Pilastru 2, ħdejn l-approċċ immexxi mill-esperti. It-tieni, it-test issa jiċċara li l-konsolidazzjoni biex tinkiseb l-iskala mhijiex l-approċċ korrett. Dan għandu jinqara flimkien mal-premessa 8a.

Emenda 269
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet*** Ewropej ***flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika***. Jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti Sħubijiet*** Ewropej ***meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab***	(9) ***Is-Sħubijiet Ewropej huma strument ewlieni għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni. Sabiex jiġu indirizzati l-frammentazzjoni u l-koinċidenzi, jenħtieġ li s-Sħubijiet*** Ewropej ***isegwu approċċ strateġiku, ibbażat fuq il-portafoll biex isaħħu l-koerenza, jiżguraw il-komplementarjetà, jiggarantixxu skala pan-Ewropea għall-azzjonijiet tar-R&I, u jottimizzaw l-użu***

oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li ***jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej***.

tar-riżorsi tal-Unjoni. ***Is-Sħubijiet Ewropej iridu jikkontribwixxu b'mod strateġiku għat-tisħiħ tal-iżvilupp bilanċjat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) madwar l-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżvolġu rwol importanti fil-kontribut għall-iżvilupp tal-portafoll tas-Sħubija Ewropea, u fl-implimentazzjoni tiegħu u l-valutazzjoni tal-progress miksub***. Jenħtieġ li ***s-Sħubijiet*** Ewropej ***ikunu bbażati fuq Aġendi Strateġiċi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Unjoni u jissarrfu f'azzjonijiet konkreti tul il-katina tal-valur sħiħa, b'mod partikolari, l-użu. Id-dokumenti tal-istabbiliment jenħtieġ li jipprovdu qafas ċar u legalment b'saħħtu għall-kooperazzjoni bejn is-sħab, inklużi r-rwoli, id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom, b'arranġamenti legali u finanzjarji aktar dettaljati, b'mod partikolari rigward il-kontributi minn sħab għajr l-Unjoni li huma stabbiliti, fejn xieraq, fil-ftehimiet komplementari. Il-ġestjoni finanzjarja ċentrali tagħhom jenħtieġ li tkun stabbilita biex tippermetti modalitajiet flessibbli għall-parteċipazzjoni mis-sħab.*** Jenħtieġ li ***d-drittijiet u l-obbligi tas-sħab minn pajjiżi terzi assoċjati u dawk mhux assoċjati jiġi ċċarati wkoll f'tali ftehimiet, b'rispett għall-objettivi tas-sigurtà tar-riċerka u tas-sovranità teknoloġika***.

Or. en

Emenda 270
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet	(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet

pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.	pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej. ***Jenħtieġ li dawn is-sħubijiet jitfasslu wkoll biex tiġi evitata kwalunkwe frammentazzjoni ta' inizjattivi jew duplikazzjoni tal-isforzi, permezz ta' allinjament ċar mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u mal-ħtiġijiet identifikati fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Jenħtieġ li dawn jippermettu ppjanar fit-tul ibbażat fuq objettivi li jistgħu jitkejlu u indikaturi tal-prestazzjoni definiti sew, sabiex jiġu żgurati l-użu effiċjenti tar-riżorsi u valutazzjoni tal-impatt rigoruża.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-ippjanar fuq perjodu ta' żmien medju u twil għas-sħubijiet kollha u l-istabbiliment ta' prijoritajiet strateġiċi se jkunu ta' benefiċċju biex jiġu żgurati użu effiċjenti tar-riżorsi u l-ilħuq tal-objettivi.

Emenda 271
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, ***meta din tkun l-***	(9) ***B'kunsiderazzjoni tas-sħubijiet diġà stabbiliti u li jiffunzjonaw sew,*** jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi

aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. ***Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u*** jenħtieġ li ***dawn*** jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. ***Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll*** strateġiku ***u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej***.

Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, ***kull fejn grupp ta' Stati Membri jaqblu b'mod volontarju li jallinjaw il-prijoritajiet, ir-riżorsi u l-arranġamenti ta' governanza nazzjonali fil-qafas tal-Programm***. Jenħtieġ li ***s-Sħubijiet Ewropej*** jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni***, li jkunu limitati b'mod strett għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji, legali u baġitarji tagħha,*** kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. ***Is-Sħubijiet u l-Missjonijiet Ewropej jiżvolġu rwol*** strateġiku ***fit-trawwim tar-riċerka kollaborattiva, il-ġbir flimkien tar-riżorsi nazzjonali u privati u biex jingħeleb il-"wied tal-mewt" bejn ir-riċerka u l-adozzjoni mis-suq. Filwaqt li l-għadd u l-kumplessità tas-sħubijiet jenħtieġ li jinżammu taħt rieżami biex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, jenħtieġ li l-Unjoni tirrikonoxxi r-rwol ċentrali u l-leġittimità tal-Istati Membri fl-istabbiliment tal-prijoritajiet, il-parteċipazzjoni fil-governanza u l-kontribuzzjoni tar-riżorsi***.

Or. en

Emenda 272
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw	(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej ***inkluż fil-forma ta' sħubijiet ibbażati fuq Programmi ta' ħidma*** flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun

drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.

meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżvolġu rwol importanti fil-kontribut għall-iżvilupp tal-portafoll tas-Sħubija Ewropea, u fl-implimentazzjoni tiegħu.*** Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej. ***Jenħtieġ li d-drittijiet u l-obbligi tas-sħab minn pajjiżi terzi assoċjati u dawk mhux assoċjati jiġu ċċarati wkoll fi ftehimiet komplementari, b'rispett għall-objettivi tas-sigurtà tar-riċerka u tas-sovranità teknoloġika.***

Or. en

Emenda 273
Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit ***bi*** Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta'	(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit ***b'għadd limitat ta'*** Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika ***u meta jkun hemm valur miżjud suffiċjenti tal-UE muri bir-rieda li jsir investiment, preferibbilment kemm mill-Unjoni kif ukoll mill-Istat Membru. Meta jintwera dan il-valur, jenħtieġ li jiġu stabbilit vetturi legali dedikati, inklużi dawk taħt l-Artikoli 185 u 187 tat-TFUE, u dawn jenħtieġ li jingħataw baġit suffiċjenti u awtonomija operazzjonali biex jilħqu l-objettivi***. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun

għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.

meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.

Or. en

Emenda 274
Nikos Pappas, Jussi Saramo, Anthony Smith

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.	(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej. ***Is-Sħubijiet Ewropej għandhom ikunu rregolati b'mod trasparenti u għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi, l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, it-trade unions, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-atturi soċjali u ekonomiċi jkunu rappreżentati b'mod sinifikattiv sabiex il-finanzjament tal-Unjoni ma jkunx***

imsawwar b'mod sproporzjonat minn interessi korporattivi kbar.

Or. en

Emenda 275
Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.	(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit permezz ta' Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, ***sħab, inklużi l-industrija, l-organizzazzjoni tar-riċerka, l-awtoritajiet lokali u reġjonali***, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.

Or. en

Emenda 276
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.	(9) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu implimentati partijiet mill-baġit bi Sħubijiet Ewropej flimkien ma' entitajiet pubbliċi u privati oħrajn, meta din tkun l-aktar forma ta' implimentazzjoni effettiva biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti Sħubijiet Ewropej meta jkun meħtieġ involviment mill-qrib tal-Unjoni u jenħtieġ li dawn jiżguraw drittijiet tal-vot xierqa lill-Unjoni kif ukoll koinvestiment suffiċjenti minn sħab oħrajn biex jiġi ingranat il-finanzjament tal-Unjoni. Biex jitrawmu sinerġiji u effiċjenzi, jeħtieġ ikunu żgurati regoli armonizzati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit portafoll strateġiku u koerenti ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej***, filwaqt li jitqiesu s-sħubijiet diġà stabbiliti u li jiffunzjonaw sew***.

Or. en

Emenda 277
Ivars Ijabs, Elisabetta Gualmini, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Michał Kobosko, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) (ġdida) Il-programmi ta' ħidma taħt il-Parti II "Kompetittività u Soċjetà" jenħtieġ li jħeġġu l-konsorzji tar-riċerka kollaborattiva minn isfel għal fuq jinkludu mill-inqas sitt parteċipanti indipendenti stabbiliti fi Stati Membri jew pajjiżi assoċjati differenti.

Or. en

Emenda 278
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.	(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi. ***L-SMEs, in-negozji l-ġodda, in-negozji li qed jespandu u l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja innovattivi huma l-ixprunaturi ewlenin tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività u jenħtieġ li jingħataw is-setgħa biex jieħdu rwoli ta' mexxejja fi proġetti kollaborattivi b'aċċess għal mekkaniżmi ta' finanzjament aktar faċli, aktar diretti u mmirati. It-tnaqqis tal-kumplessità tal-attivitajiet kollaborattivi taħt il-Programm huwa meħtieġ biex jittejbu l-kwalità, il-koerenza u l-aċċessibbiltà tal-kooperazzjoni, b'mod partikolari billi jiġi ssimplifikat l-ambjent tas-sħubijiet, tar-raggruppamenti, tal-missjonijiet u tas-suġġetti tal-programmi ta' ħidma. L-approċċi bħall-Approċċ b'Diversi Atturi, il-finanzjament kaskata u l-għodod ta' aċċess simplifikati jiżvolġu rwol siewi, peress li jinvolvu l-SMEs, il-konsulenti u s-soċjetà ċivili tul iċ-ċikli tal-ħajja tal-proġetti u jgħinu biex jankraw ir-riċerka fil-ħtiġijiet tad-dinja reali filwaqt li jsaħħu l-adozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni.***

Or. en

Emenda 279
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.	(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi. ***Fl-istess ħin, huwa importanti li dawn is-sħubijiet jikkontribwixxu għat-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka billi jippromwovu l-kondiviżjoni tal-għarfien, il-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-interoperabbiltà tal-infrastruttura. Is-sinerġiji ma' programmi u strumenti ta' finanzjament oħra tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu sfruttati bis-sħiħ sabiex jiġi mmassimizzat l-ingranaġġ tal-investimenti u jithaffu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u dawk diġitali.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

It-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka huwa essenzjali jekk l-Unjoni Ewropea trid tibqa' mexxejja dinjija, u l-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-għarfien, il-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-interoperabbiltà tal-infrastruttura huma l-mezzi biex dan jinkiseb.

Emenda 280
Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Mariateresa Vivaldini, Carlo Ciccioli, Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti ***industrijali*** fir-riċerka u l-	(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti ***tas-settur privat*** fir-riċerka u

innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.	l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika ***kollha ta' Orizzont Ewropa u*** tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.

Or. en

Emenda 281
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Giorgio Gori, Cristina Maestre, Camilla Laureti, Maria Grapini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo, André Franqueira Rodrigues

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti ***industrijali*** fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.	(10) Is-sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti tas-settur privat fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika ***kollha ta' Orizzont Ewropa u*** tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-Sħubijiet Ewropej jirrappreżentaw strument ewlieni għat-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi taħt Orizzont Ewropa. Ir-restrizzjoni tal-applikabbiltà tagħhom għal ċerti twieqi ta' politika toħloq disparitajiet mhux ġustifikati u tillimita l-effettività ġenerali tal-Programm. Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura li s-Sħubijiet Ewropej ikunu aċċessibbli fl-erba' twieqi ta' politika kollha, u b'hekk tiggarantixxi qafas konsistenti, inklużiv u koerenti b'mod orizzontali għall-parteċipanti kollha.

Emenda 282
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Is-sħubijiet Ewropej, inklużi fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, ***jenħtieġ li*** jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.	(10) Is-sħubijiet Ewropej, inklużi fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, ***jistgħu*** jikkontribwixxu għall-objettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u se jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-objettivi.

Or. en

Emenda 283
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-governanza tas-sħubijiet trid tkun trasparenti, inklużiva u bbilanċjata sabiex tippermetti l-parteċipazzjoni tal-atturi rilevanti kollha, inklużi l-Istati Membri, il-komunità għar-riċerka, l-industrija u s-soċjetà ċivili, permezz ta' kooperazzjoni estensiva. Fl-istess ħin, sabiex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività, jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq il-ftuħ għal parteċipanti ġodda u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-SMEs u għall-organizzazzjonijiet emerġenti. L-aħħar iżda mhux l-inqas, il-portafoll tas-sħubijiet jenħtieġ li jibqa' flessibbli u adattabbli biex ikun jista' jirrispondi malajr għall-isfidi emerġenti u l-iżviluppi teknoloġiċi, filwaqt li jiżgura l-koeżjoni u l-kontinwità tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE.

Ġustifikazzjoni

L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja sfidi sinifikanti fl-oqsma kollha, u għalhekk il-parteċipazzjoni tal-atturi rilevanti kollha hija importanti, inklużi l-Istati Membri, il-komunità għar-riċerka, l-industrija u s-soċjetà ċivili, permezz ta' kooperazzjoni estensiva.

Emenda 284
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, ***filwaqt li*** l-adozzjoni u l-espansjoni ***jenħtieġ li*** jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.	(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li ***jiġu segwiti mill-Programm biex*** jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. ***Il-ħames Missjonijiet tal-UE - jiġifieri l-Missjoni ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima, li tappoġġa lis-soċjetajiet fl-adattament għall-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima; il-Missjoni dwar il-Kanċer, li għandha l-għan li ttejjeb il-ħajja ta' aktar minn 3 miljun persuna affettwati mill-kanċer sal-2030 permezz tal-prevenzjoni, it-trattament u l-kwalità tal-ħajja; il-Missjoni dwar Oċeani, Ibħra u Ilmijiet Interni u Kostali f'Saħħithom, li taħdem biex tirrestawra l-ekosistemi tal-oċean u tal-ilmijiet tagħna sal-2030; il-***

Missjoni dwar il-100 Belt Newtrali għall-Klima u Intelliġenti, li tappoġġa 100 belt Ewropea fit-trasformazzjoni sistemika tagħhom lejn in-newtralità klimatika sal-2030; u l-Missjoni dwar Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa, li għandha l-għan li tmexxi t-tranżizzjoni lejn ħamrija f'saħħitha sal-2030 għall-ikel, għan-nies, għan-natura u għall-klima — kollha wrew il-kapaċità tagħhom biex jimmobilizzaw ir-riċerka, l-innovazzjoni, iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati madwar objettivi tas-soċjetà konkreti u li jistgħu jitkejlu, u għalhekk jenħtieġ li jitkomplew u jissaħħu taħt il-Programm. Għaldaqstant, il-Programm Qafas jenħtieġ li ***jiddedika porzjon tal-baġit tiegħu biex*** jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, ***u jiffaċilita*** l-adozzjoni u l-espansjoni ***ulterjuri tagħhom, biex*** jitwettqu bi programmi oħra tal-UE ***bħall-FEK,*** u finanzjament nazzjonali.

Or. en

Emenda 285
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa	(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 ***jikkostitwixxu strument ewlieni biex jitwasslu soluzzjonijiet konkreti għall-isfidi l-kbar tas-soċjetà permezz ta' objettivi definiti b'mod ċar, miri li jistgħu jitkejlu u impatt qawwi għaċ-ċittadini u*** jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu

tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE ***u*** finanzjament nazzjonali.

jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE***,*** finanzjament nazzjonali ***u investiment privat***.

Or. en

Emenda 286
Nikos Pappas, Jussi Saramo, Anthony Smith

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi ***u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal*** prodotti u servizzi ***ġodda***. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni	(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi ***sabiex jilħqu l-ħtiġijiet soċjali, tas-saħħa, ambjentali u territorjali urġenti, u, fejn rilevanti, jappoġġaw it-tixrid ta'*** prodotti u servizzi ***aċċessibbli u affordabbli mingħajr ma l-ħolqien tas-suq isir għan fih innifsu***. Il-

jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.	Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.

Or. en

Emenda 287
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, András Gyürk

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu ***impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà***, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet ***soċjali*** trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.	(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu ***innovazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' rilevanza strateġika***, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi***, sabiex isaħħu l-kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi Ewropej, jirrestawraw it-tmexxija xjentifika Ewropea,*** u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.

Or. en

Emenda 288
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.	(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera ***kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni relatati mas-saħħa***. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.

Or. en

Emenda 289
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli, Aldo Patriciello

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu	(11) Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu

kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.	kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet ***u jenħtieġ li jħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-istituti tar-riċerka u l-Universitajiet***, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.
	Or. en

Emenda 290
Ivars Ijabs, Elisabetta Gualmini, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Imsejsa fuq il-Pjan Strateġiku ta' Orizzont Ewropa 2025-2027[4], il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) hija għodda ta' finanzjament pluriennali mfassla biex tħaffef it-trasformazzjoni tal-viċinati b'disinn sostenibbli u inklużiv. Il-komponent tar-R&I jenħtieġ li jiġi ffinanzjat minn Orizzont Ewropa filwaqt li l-komponent tal-introduzzjoni jenħtieġ li jitwettaq minn programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.	(12) Imsejsa fuq il-Pjan Strateġiku ta' Orizzont Ewropa 2025-2027[4], il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) hija għodda ta' finanzjament pluriennali mfassla biex tħaffef it-trasformazzjoni tal-viċinati b'disinn sostenibbli***, innovattiv, kreattiv*** u inklużiv***, li jħallat flimkien id-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u kulturali***. Il-komponent tar-R&I jenħtieġ li jiġi ffinanzjat minn Orizzont Ewropa filwaqt li l-komponent tal-introduzzjoni jenħtieġ li jitwettaq minn programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2024) 1741 tal-20.03.2024.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2024) 1741 tal-20.03.2024.

Or. en

Emenda 291
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Matthias Ecke, René Repasi, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Imsejsa fuq il-Pjan Strateġiku ta' Orizzont Ewropa 2025-2027[4], il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) hija għodda ta' finanzjament pluriennali mfassla biex tħaffef it-trasformazzjoni tal-viċinati b'disinn sostenibbli u inklużiv. Il-komponent tar-R&I jenħtieġ li jiġi ffinanzjat minn Orizzont Ewropa filwaqt li l-komponent tal-introduzzjoni jenħtieġ li jitwettaq minn programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.	(12) Imsejsa fuq il-Pjan Strateġiku ta' Orizzont Ewropa 2025-2027[4], il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) hija għodda ta' finanzjament pluriennali mfassla biex tħaffef it-trasformazzjoni tal-viċinati b'disinn sostenibbli u inklużiv. Il-komponent tar-R&I***, inklużi l-effiċjenza fl-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni tal-bini,*** jenħtieġ li jiġi ffinanzjat minn Orizzont Ewropa filwaqt li l-komponent tal-introduzzjoni jenħtieġ li jitwettaq minn programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.
[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2024) 1741 tal-20.03.2024.	[4] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2024) 1741 tal-20.03.2024.

Or. en

Emenda 292
Jens Geier

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Is-sistema tat-trasport tal-Ewropa qed tiffaċċja restrizzjonijiet dejjem akbar fuq il-kapaċità peress li d-domanda tal-

passiġġieri u tal-merkanzija hija mistennija li tikber b'mod sinifikanti fid-deċennji li ġejjin, filwaqt li l-modi tat-trasport eżistenti diġà qed joqorbu lejn il-limiti strutturali. Mingħajr infrastruttura addizzjonali u innovazzjoni teknoloġika, hemm riskju li dawn il-pressjonijiet jimminaw il-mobbiltà, l-objettivi klimatiċi u, min-naħa tagħhom, il-kompetittività u l-koeżjoni ekonomiċi usa' tal-Ewropa. F'dan il-kuntest, l-avvanz fit-trasport ibbażat fuq l-infrastruttura b'emissjonijiet żero tal-ġenerazzjoni li jmiss – mir-riċerka u d-dimostrazzjoni sal-implimentazzjoni – juri t-tip ta' opportunità moonshot Ewropea li tista' twettaq il-bidla radikali fit-titjib fil-veloċità, il-kapaċità u l-effiċjenza fl-enerġija, issaħħaħ ir-reżiljenza għall-klima permezz ta' arkitetturi tas-sistema mfassla li jittoleraw kundizzjonijiet tat-temp estrem, u tindirizza r-rabtiet transfruntiera neqsin fin-network tat-trasport trans-Ewropew, filwaqt li tappoġġa l-integrazzjoni aktar profonda tas-Suq Uniku u tixpruna l-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sovranità teknoloġika tal-Ewropa. Lil hinn mit-trasport innifsu, tali innovazzjonijiet fil-livell tas-sistema, inkluż il-hyperloop, jistgħu jixprunaw avvanzi fit-teknoloġiji abilitanti – inklużi t-teknoloġija tal-vakwu, is-sistemi tal-enerġija elettromanjetika, is-sistemi kkontrollati mill-IA u materjali avvanzati – b'potenzjal konsegwenzjali sinifikanti għal industriji u setturi strateġiċi oħra.

Or. en

Emenda 293
Jens Gieseke

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(12a) Is-sistema tat-trasport tal-Ewropa qed tiffaċċja restrizzjonijiet dejjem akbar fuq il-kapaċità peress li d-domanda tal-passiġġieri u tal-merkanzija hija mistennija li tikber b'mod sinifikanti fid-deċennji li ġejjin, filwaqt li l-modi tat-trasport eżistenti diġà qed joqorbu lejn il-limiti strutturali. Mingħajr infrastruttura addizzjonali u innovazzjoni teknoloġika, hemm riskju li dawn il-pressjonijiet jimminaw il-mobbiltà, l-objettivi klimatiċi u, min-naħa tagħhom, il-kompetittività u l-koeżjoni ekonomiċi usa' tal-Ewropa. F'dan il-kuntest, l-avvanz fit-trasport ibbażat fuq l-infrastruttura b'emissjonijiet żero tal-ġenerazzjoni li jmiss – mir-riċerka u d-dimostrazzjoni sal-implimentazzjoni – juri t-tip ta' opportunità moonshot Ewropea li tista' twettaq il-bidla radikali fit-titjib fil-veloċità, il-kapaċità u l-effiċjenza fl-enerġija, issaħħaħ ir-reżiljenza għall-klima permezz ta' arkitetturi tas-sistema mfassla li jittoleraw kundizzjonijiet tat-temp estrem, u tindirizza r-rabtiet transfruntiera neqsin fin-network tat-trasport trans-Ewropew, filwaqt li tappoġġa l-integrazzjoni aktar profonda tas-Suq Uniku u tixpruna l-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sovranità teknoloġika tal-Ewropa. Lil hinn mit-trasport innifsu, tali innovazzjonijiet fil-livell tas-sistema, inkluż il-hyperloop, jistgħu jixprunaw avvanzi fit-teknoloġiji abilitanti – inklużi t-teknoloġija tal-vakwu, is-sistemi tal-enerġija elettromanjetika, is-sistemi kkontrollati mill-IA u materjali avvanzati – b'potenzjal konsegwenzjali sinifikanti għal industriji u setturi strateġiċi oħra.

Or. en

Emenda 294
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Eszter Lakos, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-Programm jista' jiġi implimentat parzjalment permezz ta' moonshots Ewropej. Il-moonshots mhumiex strumenti ta' finanzjament, iżda pjuttost approċċ ta' politika li jikkombina strumenti ta' politika, leġiżlattivi u ta' finanzjament biex jilħaq objettiv speċifiku fuq terminu medju, filwaqt li jisfrutta l-eżiti tal-programm qafas attwali. Dan l-objettiv jenħtieġ li jiġi ddefinit f'konformità mal-metodoloġija SMART. Jenħtieġ li jkun ibbażat fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni iżda jenħtieġ li jwassal għal impatt lil hinn mill-eżiti tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Għalhekk, moonshot jista' jiġi stabbilit biss permezz ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-impenn tas-servizzi kollha tal-Kummissjoni u bl-appoġġ tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 295
Christophe Clergeau, Michalis Hadjipantela, Tilly Metz, Ondřej Krutílek, Alicia Homs Ginel, Thomas Pellerin-Carlin, André Franqueira Rodrigues, Marta Temido, Isabella Lövin

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Sabiex jissaħħu t-tmexxija xjentifika, il-kapaċità teknoloġika, ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-kompetittività industrijali tal-Unjoni, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-inizjattivi ambizzjużi tar-riċerka u l-innovazzjoni li huma kapaċi jindirizzaw l-isfidi l-kbar tas-soċjetà. F'Orizzont

Ewropa, il-Missjonijiet jikkostitwixxu strument ewlieni biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet konkreti għal tali sfidi permezz ta' objettivi definiti b'mod ċar, miri li jistgħu jitkejlu u impatt b'saħħtu għaċ-ċittadini. Il-Missjonijiet jenħtieġ li jimmobilizzaw l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni u jiżguraw sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni, inizjattivi nazzjonali u investiment privat.

Or. en

Emenda 296
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***Il-Kunsill*** Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.	(13) ***Il-kriterji għall-għażla għall-finanzjament tal-Kunsill*** Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li ***jkunu ċari, rigoruż u bbażati esklużivament fuq il-prinċipju tal-eċċellenza xjentifika, sabiex b'hekk l-ERC ikun jista'*** jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. ***Minn dan isegwi li l-evalwazzjoni tal-proposti jenħtieġ li fil-prinċipju tkun ibbażata fuq żewġ aspetti komplementari: l-eċċellenza tar-riċerkaturi u l-eċċellenza tal-proġetti. Fir-rigward tar-riċerkaturi, l-ERC jenħtieġ li janalizza l-kisbiet xjentifiċi preċedenti tiegħu, il-kapaċità li jiġġenera ideat innovattivi u indipendenti, u l-potenzjal li jsir u/jew jibqa' mexxej fil-qasam tiegħu. Madankollu, għar-riċerkaturi fl-istadju bikri, l-enfasi jenħtieġ li tkun fuq il-wegħda murija, il-kreattività u l-kapaċità li tiġi żviluppata l-aġenda tar-riċerka tiegħu/tagħha stess,***

aktar milli fuq lista estensiva ta' pubblikazzjonijiet biss. Min-naħa l-oħra jenħtieġ li l-kriterji tal-proġett jinkludu n-natura innovattiva u ambizzjuża tal-idea, il-potenzjal għal progress sinifikanti fil-fruntieri tal-għarfien u l-fattibbiltà tal-approċċ propost. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Ir-riċerka teħtieġ kriterji tal-għażla tal-proġetti ċari u rigoruż li jiffukaw esklużivament fuq il-prinċipju tal-eċċellenza xjentifika sabiex jiġu ġġenerati ideat innovattivi u indipendenti għall-Ewropa biex tkun tista' tibqa' mexxejja fil-qasam.

Emenda 297
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata ***biss*** fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent ***irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini***, hu fundamentali	(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza ***fl-oqsma kollha***. Dan l-impenn għal riċerka ***minn isfel għal fuq u*** mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent, hu fundamentali biex

biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi ***stabbilita*** aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.

jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi ***msaħħa*** aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni. ***L-ERC jenħtieġ li jkompli jiżviluppa u jsaħħaħ l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u kooperazzjoni biex iżid il-viżibbiltà tal-ERC għall-aħjar riċerkaturi fl-Unjoni u mill-bqija tad-dinja. L-ERC jenħtieġ li jiżvolġi rwol attiv fit-twessigħ tal-parteċipazzjoni billi jnaqqas id-distakk fil-prestazzjoni tar-R&I madwar l-UE, b'mod partikolari billi jżomm fil-mira pajjiżi b'rati ta' suċċess aktar baxxi u jsaħħaħ il-parteċipazzjoni tar-riċerkaturi li ġejjin minn dawn it-territorji. F'dan ir-rigward, is-sensibilizzazzjoni, il-mentoraġġ u l-assistenza tal-ERC immirati lejn il-komunitajiet ta' riċerka fil-pajjiżi li qed iwettqu inqas riżultati jenħtieġ li jissaħħu u jingħataw struttura. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-fellowships tal-ERC għal riċerkaturi minn pajjiżi tat-twessigħ.***

Or. en

Emenda 298
András Gyürk

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti ***riċerkaturi individwali*** kreattivi u b'talent ***– b'enfasi deliberata fuq*** it-trawwim ta' riċerkaturi ***minn*** stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-	(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti ***individwi*** kreattivi u b'talent ***inkluż*** it-trawwim ta' riċerkaturi ***fi*** stadju bikri ***fil-karriera u applikanti minn Stati Membri u reġjuni sottorappreżentati*** – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza ***fl-oqsma kollha***. Dan l-impenn għal riċerka ***minn isfel għal fuq u*** mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha,

nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex ***jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex*** l-Ewropa ***tiġi stabbilita aktar*** bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.

ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex ***tissaħħaħ*** l-Ewropa bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni ***u jiġu attirati u miżmuma aktar l-aqwa mħuħ fid-dinja***. ***L-ERC jenħtieġ li jiżviluppa l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, mentoraġġ u bini tal-kapaċità biex jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-applikanti kollha madwar l-Unjoni. Tali miżuri huma kruċjali għat-twessigħ tal-bażi tat-talent, it-tisħiħ tal-inklużività u r-rinfurzar tal-pożizzjoni tal-Ewropa bħala ċentru minn ta' quddiem fid-dinja għall-eċċellenza xjentifika u l-innovazzjoni.***

Or. en

Emenda 299
Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.	(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni. ***F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fuq id-dimensjoni***

territorjali wkoll, li tirrikjedi investimenti xierqa li għandhom l-għan li jsaħħu l-ekosistemi tar-R&I madwar id-diversi reġjuni tal-Unjoni. Dan jippermetti lil firxa usa' ta' atturi jikkontribwixxu għar-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej, u b'hekk tissaħħaħ il-kapaċità ta' kompetittività ġenerali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 300
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza ***u*** miftuħa għat-talent ***irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini***, hu fundamentali biex jiġu attirati ***l-aqwa mħuħ fid-dinja*** u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.	(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza***, implimentata bi preferenza ċara għar-riċerkaturi stabbiliti fl-Istati Membri jew fil-pajjiżi assoċjati,*** miftuħa għat-talent ***lil hinn mill-Unjoni, biss meta dan jikkorrispondi għal nuqqasijiet tal-ħiliet identifikati u kwantifikati b'mod ċar, u wara li jkunu ġew debitament studjati l-perkorsi kollha biex jiġi appoġġat proġett ta' eċċellenza ekwivalenti fil-qafas tal-Unjoni***, hu fundamentali biex ***jinżammu u*** jiġu attirati ***riċerkaturi ta' grad għoli u ta' profil għoli,*** u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Or. en

Emenda 301
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi ***deliberata*** fuq ***it-trawwim ta' riċerkaturi minn*** stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex ***jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex*** l-Ewropa ***tiġi stabbilita aktar*** bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.	(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent — b'enfasi fuq — ***il-karrieri fi*** stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza ***fl-oqsma kollha***. Dan l-impenn għal riċerka ***minn isfel għal fuq u*** mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex ***tissaħħaħ*** l-Ewropa bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni ***u jiġu attirati u miżmuma l-aqwa mħuħ fid-dinja***. ***L-ERC jenħtieġ li jkompli jiżviluppa u jsaħħaħ l-attivitajiet immirati ta' sensibilizzazzjoni, mentoraġġ, bini tal-kapaċità u kooperazzjoni biex iżid l-adozzjoni tal-istrumenti tal-ERC fost l-aqwa riċerkaturi madwar l-Unjoni, jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-applikanti kollha u jwessa' l-bażi tat-talenti.***

Or. en

Emenda 302
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli, Aldo Patriciello

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.	(13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) jenħtieġ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex b'hekk jippermetti riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent – b'enfasi deliberata fuq it-trawwim ta' riċerkaturi minn stadju bikri – biex jaqbdu l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza ***u jippromwovu t-teknoloġiji innovattivi***. Dan l-impenn għal riċerka mmexxija mill-investigaturi magħżula b'kompetizzjoni mal-Unjoni kollha, ibbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-oriġini, hu fundamentali biex jiġu attirati l-aqwa mħuħ fid-dinja u biex l-Ewropa tiġi stabbilita aktar bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Or. en

Emenda 303
Dan Nica, Lina Gálvez

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Ir-riċerka klinika hija komponent ewlieni tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni u tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kompetittività globali tagħha fis-setturi tax-xjenzi tal-ħajja u tas-saħħa, kif ukoll għat-titjib tas-saħħa pubblika u tas-saħħa taċ-ċittadini. Approċċi aktar koordinati għall-organizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-provi kliniċi madwar l-Unjoni, inkluż permezz ta' networks kollaborattivi ta' siti kliniċi, laboratorji speċjalizzati u komunitajiet tal-pazjenti, għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-frammentazzjoni, itejbu l-

effiċjenza u jaċċelleraw l-iżvilupp ta' terapiji innovattivi, u b'hekk isaħħu l-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza l-isfidi l-kbar tas-saħħa. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jiżvolġu rwol importanti fl-istudju u l-iżvilupp ta' tali approċċi, inkluż permezz ta' ħidma fuq metodoloġiji, mudelli ta' governanza, infrastrutturi tad-data u strateġiji għall-involviment tal-pazjenti, filwaqt li tiġi rispettata n-natura tal-Programm bħala strument ta' riċerka u innovazzjoni.

Or. en

Emenda 304
Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. ***Waħda mill-isfidi tal-Unjoni hija rrappreżentata mill-eżodu ta' mħuħ u mill-mobbiltà unidirezzjonali tar-riċerkaturi li jimminaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u, finalment, idgħajfu ż-Żona Ewropea tar-Riċerka billi jikkonċentraw l-eċċellenza f'għadd limitat ta' ċentri madwar l-Unjoni. Fuq medda twila ta' żmien, hemm riskju li tali konċentrazzjoni timmina l-kompetittività u r-reżiljenza ġenerali tal-Unjoni.*** L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu ***għalhekk*** essenzjali biex jiġu sostnuti l-

edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. ***Biex tiġi miġġielda din ix-xejra, f'sinerġija mal-Programm Qafas, l-investimenti taħt il-Politika ta' Koeżjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jissaħħu u jiġu kkoordinati aħjar sabiex jinbnew ekosistemi tal-innovazzjoni attraenti bbażati fuq il-post madwar ir-reġjuni kollha, jiġi appoġġat id-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" u titnaqqas il-mobbiltà unidirezzjonali tar-riċerkaturi.*** Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni ***fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali***, inkluż is-settur privat, ***li jippromwovu ċ-ċirkolazzjoni ġenwina tal-imħuħ billi jikkombinaw l-opportunitajiet ta' mobbiltà mal-miżuri li jsaħħu l-ekosistemi reġjonali tal-innovazzjoni u l-kapaċità tagħhom li jassorbu u jimplimentaw ir-riżultati tar-R&I***. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja ***madwar ir-reġjuni kollha tal-Unjoni*** li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 305
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex ***jiġu sostnuti l-innovazzjoni***, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż ***bl-iżvilupp*** tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati***, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament***.	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija ***xjentifika u*** teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi ***Ewropej u*** dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment ***madwar l-Unjoni***. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex ***jitrawmu l-innovazzjonijiet xjentifiċi tar-R&I, li jwasslu għall-innovazzjoni***, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv ***u għandhom potenzjal immens fit-tisħiħ tal-bażi tar-riċerka fi Stati Membri u reġjuni li jwettqu inqas riċerka minħabba d-dimensjoni qawwija tat-taħriġ tagħhom***. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn ***l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka,*** l-universitajiet ***u istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ,*** u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat***, b'enfasi speċifika fuq l-SMEs u n-negozji l-ġodda innovattivi, u b'rispett għall-objettivi tas-sigurtà, tas-sigurtà tar-riċerka u tas-sovranità teknoloġika***. Jenħtieġ li ***jikkontribwixxi biex*** jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, ***u l-iżvilupp ta' sinerġiji maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, fid-dimensjoni tal-edukazzjoni għolja tagħha,*** inkluż ***permezz tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u l-Erasmus+. Dan jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp*** tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin***, ir-riċerka kollaborattiva msaħħa,*** b'kollaborazzjoni, trawwim***,*** u attrazzjoni ***u ż-żamma*** tat-

talent u l-ingranaġġ ta’ aktar investimenti privati.

Or. en

Emenda 306
Ivars Ijabs, Elisabetta Gualmini, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Brigitte van den Berg, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F’ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b’mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b’livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f’riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta’ dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b’kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta’ aktar investimenti privati, inkluż b’inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f’sinerġija ma’ Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta’ dan ir-	(14) F’ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b’mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b’livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f’riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta’ dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b’kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta’ aktar investimenti privati, inkluż b’inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f’sinerġija ma’ Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta’ dan ir-Regolament. ***Is-sinerġiji ma’ Erasmus+***

Regolament.

jenħtieġ li jiżguraw li r-riżorsi miż-żewġ programmi jappoġġaw it-tisħiħ u l-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja. Orizzont Ewropa jista' jikkomplementa l-azzjonijiet ta' Erasmus+, inklużi l-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, billi jikkontribwixxi għall-istrateġiji integrati fit-tul fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u b'hekk irawwem rabtiet aktar mill-qrib bejn l-edukazzjoni u r-riċerka, b'mod partikolari fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

Or. en

Emenda 307
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika ***u l-benesseri tas-soċjetà***. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti ***t-tlestija taż-Żona***	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u ***bħala prijorità,*** tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment***, filwaqt li tiżgura li l-attrazzjoni tat-talent minn pajjiżi terzi tibqa' limitata b'mod strett għall-ogħla livell ta' eċċellenza xjentifika, tkun immirata lejn nuqqasijiet ta' ħiliet identifikati u kwantifikati b'mod ċar, u ma tirriżultax f'migrazzjoni akkademika fuq skala kbira jew mhux differenzjata***. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika***, it-tmexxija xjentifika, l-***

Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u ***attrazzjoni*** tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.	***irkupru teknoloġiku u l-kapaċità tal-innovazzjoni***. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti ***koordinazzjoni u interoperabbiltà mtejba fiż-Żona*** Ewropea tar-Riċerka***, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri***, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u ***ż-żamma*** tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 308
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex ***jiġu sostnuti l-innovazzjoni***, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija ***xjentifika u*** teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi ***Ewropej u*** dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment ***madwar l-Unjoni***. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex ***jitrawmu l-innovazzjonijiet***

qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li ***jippermetti t-tlestija*** taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż ***bl-iżvilupp*** tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim ***u*** attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati***, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament***.

xjentifiċi tar-R&I, li jwasslu għall-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika***, tas-soċjetà u ambjentali,*** u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn ***l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka,*** l-universitajiet ***u istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ,*** u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat***, b'rispett għall-objettivi tas-sigurtà, tas-sigurtà tar-riċerka u tas-sovranità teknoloġika***. Jenħtieġ li ***jikkontribwixxi għat-tlestija*** taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, ***u għall-iżvilupp ta' sinerġiji maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, fid-dimensjoni tal-edukazzjoni għolja tagħha,*** inkluż ***permezz tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u l-Erasmus+. Dan jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp*** tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim***,*** attrazzjoni ***u ż-żamma*** tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati.

Or. en

Emenda 309
András Gyürk

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija ***xjentifika u*** teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet***, soġġetti għal kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà,*** u konnessa

eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex ***jiġu sostnuti l-innovazzjoni***, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż ***bl-iżvilupp*** tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati***, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament***.

internazzjonalment ***madwar l-Unjoni***. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex ***jitrawmu l-innovazzjonijiet xjentifiċi, li jwasslu għall-innovazzjoni***, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn ***l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka,*** l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li ***jikkontribwixxi biex*** jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, ***u r-reġjuni u l-pajjiżi sottorappreżentati, u l-iżvilupp ta' sinerġiji maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, fid-dimensjoni tal-edukazzjoni għolja tagħha,*** inkluż ***permezz tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, l-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u l-Erasmus+***. ***Dan jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp*** tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim, attrazzjoni u ż-żamma tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati.

Or. en

Emenda 310
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà

tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.	tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ ***u fit-titjib tal-ħiliet permanenti sabiex jiġi żgurat li l-professjonisti meħtieġa jkunu disponibbli fuq perjodu ta' żmien medju u twil***, ***kif ukoll*** il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż ***billi jiġu evitati kriterji ġeografiċi jew istituzzjonali restrittivi sabiex jiġi żgurat ftuħ totali għat-talent madwar id-dinja u ingranaġġ akbar ta' investiment privat, inkluż*** b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

It-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet permanenti tar-riċerkaturi fl-oqsma kollha huma essenzjali biex tiġi ssodisfata l-ħtieġa fuq żmien medju u fit-tul ta' professjonisti, kif ukoll għall-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, kemm fl-akkademja kif ukoll barra minnha.

Emenda 311
Nikos Pappas, Jussi Saramo, Anthony Smith

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. ***Dan l-investiment strateġiku jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għal karrieri stabbli u attraenti, remunerazzjoni ġusta, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, drittijiet kollettivi, trattament ugwali u azzjoni kontra l-impjieg prekarju fir-riċerka u fl-edukazzjoni għolja.*** L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 312
Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Mariateresa Vivaldini, Carlo Ciccioli, Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti ***r-riċerka fundamentali u applikata,*** l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati ***u sħubijiet pubbliċi-privati***, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej ***b'enfasi fuq l-iżvilupp urban sostenibbli, l-adattament għat-tibdil fil-klima, u l-innovazzjoni territorjali***, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda 313
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli, Aldo Patriciello

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti ***attraenti*** tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti ***r-riċerka fundamentali u applikata,*** l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati ***u sħubijiet pubbliċi-privati***, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 314
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.	(14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi dinjin jenħtieġ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u konnessa internazzjonalment. L-investiment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fi ħdan u barra mill-akkademja, hu essenzjali biex jiġu sostnuti l-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-objettiv. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat ***u jgħaqqad l-ekosistemi lokali u reġjonali***. Jenħtieġ li jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż bl-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja li jikkompeti mal-kontropartijiet dinjin b'kollaborazzjoni, trawwim u attrazzjoni tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati, inkluż b'inizjattivi tal-edukazzjoni għolja bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, f'sinerġija ma' Erasmus+, u bi qbil mal-objettivi u l-attivitajiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 315
Brigitte van den Berg, Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Biex jimmassimizza l-impatt soċjetali u ekonomiku tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi d-disseminazzjoni, l-adozzjoni u l-valorizzazzjoni effettivi tar-riżultati, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet rilevanti li jippermettu l-użu tagħhom minn atturi mhux tar-riċerka. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari dawk b'dimensjoni applikata b'saħħitha, jenħtieġ li, fejn xieraq, isegwu approċċ b'diversi atturi billi jinvolvu firxa diversa ta' partijiet ikkonċernati, tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni vokazzjonali u tat-taħriġ, inklużi ċ-ċentri tal-eċċellenza vokazzjonali, kif ukoll fornituri oħra tal-ħiliet, fi proġetti kollaborattivi. L-involviment tagħhom jista' jiffaċilita t-tisrif tal-eżiti tar-riċerka f'applikazzjonijiet prattiċi, jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet allinjati mal-ħtiġijiet tar-riżultati, u jsaħħaħ it-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi madwar is-setturi u r-reġjuni.

Or. en

Emenda 316
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Sabiex tiġi żgurata l-viżjoni fit-tul għat-tmexxija tar-R&I tal-Unjoni, il-programm jenħtieġ li jappoġġa inizjattivi kollaborattivi fuq skala kbira, madwar l-UE kollha, minn isfel għal fuq u mmexxija mir-riċerkaturi – inkluż l-ambitu tematiku lil hinn mill-oqsma tat-twieqi ta' politika tal-FEK. Dawn l-inizjattivi jenħtieġ li jkunu bbażati fuq kapaċitajiet istituzzjonali, bħal laboratorji, ċentri ta' eċċellenza, infrastrutturi tar-R&T, iżda mhux limitati għalihom, u jiksbu rikonoxximent internazzjonali. L-inizjattivi appoġġati jridu jkunu previsti għal mill-inqas 5 snin u jinvolvu entitajiet minn għadd sinifikanti ta' Stati Membri biex jiġu garantiti l-iskala, l-interdixxiplinarjetà u l-perspettiva xjentifika diversifikata tagħhom sabiex jinkiseb progress sinifikattiv, jiġu stimulati kollaborazzjonijiet wiesgħa ġodda u tiġi kontrobilanċjata l-frammentazzjoni xjentifika fl-Ewropa.

Or. en

Emenda 317
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Barra minn hekk, l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien tan-negozju, tar-riċerka u tal-università u l-konnessjoni tal-ekosistemi tal-innovazzjoni fil-livell pan-Ewropew jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni Ewropea madwar l-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni wrew il-valur miżjud

tagħhom fil-mobilizzazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien, it-trawwim tal-intraprenditorija u l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-bini ta' ekosistemi tal-innovazzjoni b'saħħithom, u b'hekk jiffaċilitaw il-ħolqien, l-espansjoni u l-adozzjoni mis-suq ta' innovazzjonijiet f'oqsma strateġiċi, u għaldaqstant, jenħtieġ li jkomplu jiġu appoġġati mill-Programm.

Or. en

Emenda 318
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. ***Bl-istrumenti tiegħu***, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija ***biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra***. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu ***dawn ir-riskji*** teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi	(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda***, permezz ta' akkoppjament sistematiku bejn kapaċitajiet ta' riċerka eċċellenti u kapaċitajiet ta' adozzjoni industrijali b'saħħithom***. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda***, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-ekosistema tal-kapital ta' riskju, l-appoġġ tal-investiment ta' investituri informali u t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament ta' ekwità***. L-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija***, inklużi bit-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-ekosistemi tan-negozji ġodda permezz ta'***

globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ “miftuħ” (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn “Sfida”, b’koordinazzjoni u f’sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta’ politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal “DARPA” (Aġenzija għall-Proġetti ta’ Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b’użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b’komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ***ssir*** f’sinerġija u b’koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

inizjattivi bħall-programmi Lab to Unicorn, appoġġ għall-uffiċċji tat-trasferiment tat-teknoloġiji u oqfsa mtejba għal-liċenzjar u spin-offs. Jenħtieġ li jippromwovi ambjenti ta’ esperimentazzjoni regolatorja, akkwist favur l-innovazzjoni u oqfsa ta’ evalwazzjoni tal-proprjetà intellettwali biex jiffaċilita l-aċċess għall-adozzjoni finanzjarja u fis-suq, kif ukoll itejjeb l-aċċess għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu għall-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġiji u jsaħħaħ il-parteċipazzjoni ta’ SMEs innovattivi fl-akkwist pubbliku. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta’ riskju kbir u ta’ potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu ***r-riskji*** teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta’ ġestjoni jew tas-suq ***b’tali mod*** li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta’ investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ “miftuħ” (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn “Sfida”***, inkluż użu akbar ta’ approċċi simili għal ARPA u mmexxija mill-isfidi***, b’koordinazzjoni u f’sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta’ politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal “DARPA” (Aġenzija għall-Proġetti ta’ Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b’użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom***,*** li joperaw b’komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK, mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). ***L-EIC jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex jagħmel lill-Unjoni l-aħjar post biex jitnedew u jitkabbru kumpaniji mmexxija mit-teknoloġija, inklużi negozji ġodda tat-teknoloġija profonda, filwaqt li jappoġġa l-edukazzjoni intraprenditorjali, is-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri tagħha, u jsaħħaħ il-kompetittività, is-sovranità teknoloġika u***

l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa. L-implimentazzjoni jenħtieġ li ***titwettaq*** f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. ***Tali koordinazzjoni jenħtieġ li tiżgura diviżjoni ċara tar-rwoli, bl-EIC ikopri l-istadju tal-ideat (TRL 1–4), l-istadju inizjali (TRL 3–6) u l-istadju bikri permezz tal-Aċċelleratur tal-EIC, filwaqt li l-Fond Ewropew għall-Kompetittività jiffoka fuq l-istadju tal-espansjoni u t-tħejjija tal-ħruġ.***

Or. en

Emenda 319
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta'	(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa ***innovazzjoni trasformattiva u rivoluzzjonarja, inkluża t-teknoloġija profonda, filwaqt li jappoġġa wkoll it-tipi kollha ta' innovazzjoni, inkluża l-innovazzjoni kreattiva, kulturali u soċjali bl-istrumenti kollha tiegħu*** u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni ***rivoluzzjonarja*** tat-teknoloġija profonda ***b'appoġġ qawwi għall-istadji bikrin tal-vjaġġ tal-innovazzjoni fejn l-investiment privat ma jistax jidħol***. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-

ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

innovatur mir-riċerka sas-suq***, billi jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-ERC u l-EIC,*** u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

Or. en

Emenda 320
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation	(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation

Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), ***apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw*** b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u ***mal-Iskema*** tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi ***ambjentali,*** soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra***, inklużi dipendenzi teknoloġiċi***. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), ***fl-oqsma kollha*** b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u ***mifrux fl-Iskema*** tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). ***Għaldaqstant,*** l-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività***, filwaqt li b'mod partikolari tiżgura konsistenza bejn in-negozji l-ġodda li qed jiżviluppaw applikazzjonijiet tad-difiża biss li jistgħu jiġu appoġġati taħt il-Programm Speċifiku dwar ir-riċerka fid-difiża stabbilit taħt il-FEK, u***

negozji ġodda li qed jiżviluppaw applikazzjonijiet rilevanti ċivili jew b'użu doppju li jistgħu jiġu appoġġati taħt l-EIC u li jistgħu jkunu siewja għall-industrija tad-difiża.

Or. en

Emenda 321
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija	(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. ***L-EIC jenħtieġ li jikkontribwixxi fuq bażi kontinwa biex inaqqas id-distakk fl-innovazzjoni fl-UE u jipprevjeni l-eżodu tal-innovazzjoni, inkluż permezz tal-Preaċċelleratur tiegħu u opportunitajiet imsaħħa ta' finanzjament ta' riskju mmirati lejn ċentri ta' innovazzjoni emerġenti.*** Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra***, b'enfasi speċjali fuq negozji ġodda innovattivi, inkluż dak li ġej mill-akkademja, u l-SMEs***. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li

mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

Or. en

Emenda 322
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu,	(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu,

l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", ***b'koordinazzjoni u*** f'sinerġija ***mill-qrib*** mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija ***u b'koordinazzjoni mill-qrib*** mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività***.***	l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra ***tad-dinja***. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-appoġġ għan-negozji l-ġodda rivoluzzjonarji u ta' teknoloġija profonda mmexxija min-nisa u miż-żgħażagħ u jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament u l-mentoraġġ.*** L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. ***Jenħtieġ li jinkludi elementi simili għad-DARPA, fejn il-proġetti ta' riskju għoli huma appoġġati fi stadji, jew ma jitkomplewx, u jippermettu akkwist innovattiv.*** Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.
	Or. en

Emenda 323

Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI	(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra ***tad-dinja***. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi ***approċċ simili għall-ARPA, fejn il-proġetti ta' riskju għoli huma appoġġati fi stadji u jippermettu akkwist innovattiv. Jenħtieġ ukoll li l-EIC jappoġġa*** approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni

(Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

Or. en

Emenda 324
Katri Kulmuni, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li	(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra ***tad-dinja***. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan

jinkorpora approċċ “miftuħ” (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn “Sfida”, b’koordinazzjoni u f’sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta’ politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal “DARPA” (Aġenzija għall-Proġetti ta’ Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b’użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b’komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f’sinerġija ***u b’koordinazzjoni mill-qrib*** mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

jenħtieġ li jinkorpora approċċ “miftuħ” (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn “Sfida”, b’koordinazzjoni u f’sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta’ politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi ***elementi simili għall-ARPA, fejn il-proġetti ta’ riskju għoli huma appoġġati fi stadji, jew ma jitkomplewx, u jippermettu akkwist innovattiv. Jenħtieġ li jinkludi*** approċċ simili għal “DARPA” (Aġenzija għall-Proġetti ta’ Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b’użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b’komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f’sinerġija mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta’ approċċ ARPA/DARPA hija pass tajjeb u jingħata parir li tiġi inkluża elaborazzjoni ta’ x’inhuma l-elementi mmexxija mid-domanda simili għall-ARPA, bħall-akkwist innovattiv. Għandha tinżamm il-flessibbiltà biex jitqiesu l-esperjenzi miksuba mill-pilotaġġ attwali tal-approċċ ARPA/DARPA.

Emenda 325
Nikos Pappas, Jussi Saramo, Anthony Smith

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni ***li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda***. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta’	(15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni ***tat-teknoloġija profonda li hija soċjalment utli, ambjentalment sostenibbli u demokratikament responsabbli, b’mod partikolari meta s-swieq ma jipprovdux***

appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. ***Bl-istrumenti tiegħu***, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef ***il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq*** u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li ***jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni u f'sinerġija mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. Jenħtieġ li jinkludi approċċ simili għal "DARPA" (Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avvanzata għad-Difiża), apposta biex jappoġġa lin-negozji ġodda b'użu doppju u tad-difiża, u l-espansjoni tagħhom, li joperaw b'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK u mal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Difiża (EUDIS) u CASSINI (Inizjattiva tal-intraprenditorija spazjali)***. ***L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. biżżejjed soluzzjonijiet li huma meħtieġa għall-interess pubbliku. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni tat-teknoloġija profonda li hija soċjalment utli, ambjentalment sostenibbli u demokratikament responsabbli, b'mod partikolari meta s-swieq ma jipprovdux biżżejjed soluzzjonijiet li huma meħtieġa għall-interess pubbliku***. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. L-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef ***it-tisrif tar-riċerka f'benefiċċji aċċessibbli għas-soċjetà, impjiegi ta' kwalità, servizzi pubbliċi reżiljenti u sistemi ta' produzzjoni sostenibbli*** u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li ***jagħti prijorità lill-applikazzjonijiet ċivili u jiżgura li l-appoġġ taħt Orizzont Ewropa ma jiġix iddevjat mill-missjoni primarja tiegħu bħala programm tar-riċerka u l-innovazzjoni ċivili***.

Or. en

Emenda 326
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Il-governanza tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni jenħtieġ li tibbaża fuq awtonomija suffiċjenti u strutturi xjentifikament robusti biex tiżgura t-teħid tad-deċiżjonijiet aġli, inkluż permezz ta' maniġers tal-programm kwalifikati u użu bilanċjat ta' sejħiet miftuħa u tematiċi. L-approċċi strutturati simili għall-ARPA għall-proġetti b'riskju għoli u b'TRL baxx jenħtieġ li jiġu appoġġati, dment li jikkomplementaw l-istrumenti eżistenti, jippreżervaw il-ftuħ u jippermettu żmien adegwat għall-valutazzjoni tal-proġetti. Jenħtieġ ukoll li jsaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn in-negozji ġodda, il-kumpaniji maturi u l-atturi akkademiċi, iżid il-koinvestiment privat, u jkompli jibbaża fuq strumenti finanzjarji mħallta, filwaqt li jaċċellera l-parteċipazzjoni tal-SMEs u jiżgura li l-proġetti jkunu bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-utenti finali u kapaċi jiġu varati fid-dinja reali. Ir-rwol tal-universitajiet fl-innovazzjonijiet bikrija u ta' riskju għoli jrid jiġi rikonoxxut bis-sħiħ, flimkien mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, bħala pont bejn ix-xjenza fundamentali u l-innovazzjoni. L-istrutturi ta' governanza mmexxija mill-esperti li jindirizzaw il-kompetittiva industrijali u l-isfidi tas-soċjetà jenħtieġ li jiġu żviluppati aktar, filwaqt li jinżammu sejħiet miftuħa u mhux preskrittivi biex jiġu permessi metodoloġiji tal-ogħla livell u rispons għal sfidi emerġenti. Hija meħtieġa ċarezza akbar dwar ir-rwol u l-appoġġ futuri ta' strumenti bħall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tiegħu. Fl-aħħar nett, l-ekosistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni territorjali jenħtieġ li jkunu integrati bis-sħiħ f'dan l-approċċ ta' governanza,

peress li jikkostitwixxu pedament għall-kompetittività tal-Ewropa u jippermettu investimenti aktar strateġiċi u mmirati. Inizjattivi bħall-Widien tal-Innovazzjoni Reġjonali juru potenzjal qawwi, u l-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti wrew li huma effettivi fit-tishih tal-iżvilupp reġjonali mmexxi mill-innovazzjoni u t-trawwim tal-kollaborazzjoni fl-ekosistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni u bejniethom.

Or. en

Emenda 327
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Is-sinerġiji jenħtieġ li jiġu żgurati bejn il-Fond tal-EIC u l-FEK fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni. L-Istrument ta' InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jiġi implimentat, b'mod partikolari, permezz ta' garanziji baġitarji għall-kondivižjoni tar-riskju u strumenti finanzjarji mis-sħab ta' implimentazzjoni li huma responsabbli direttament jew permezz ta' intermedjarji finanzjarji għall-għażla tal-investimenti. L-Istrument ta' InvestEU tal-FEK jista' jappoġġa kwalunkwe riċevitur u investiment finali vijabbli b'mod ekonomiku, fi kwalunkwe stadju tal-iżvilupp tagħhom, mill-bidu (finanzjament inizjali u tkabbir bikri) sal-espansjoni, u t-teknoloġiji kollha inkluża l-innovazzjoni. L-appoġġ tal-Unjoni ttrasferit lir-riċevituri finali jista' jieħu firxa wiesgħa ta' forom ta', pereżempju self, garanziji, investimenti ta' kważi-ekwità u ta' ekwità. Il-Fond tal-EIC jenħtieġ li jipprovdi appoġġ ta' investiment ta' ekwità dirett lill-kumpaniji. Id-deċiżjonijiet dwar l-

investiment mill-Fond tal-EIC jenħtieġ li jinkludu valutazzjoni biex jiġi żgurat li l-Fond tal-EIC jinvesti fir-riċevituri finali (tipikament in-negozji l-ġodda tat-teknoloġija profonda) li ma jistgħux jilħqu l-ħtiġijiet finanzjarji kollha tagħhom mis-sorsi tas-suq jew mill-FEK, minħabba l-livell ta' riskju involut fit-teknoloġiji l-ġodda u/jew swieq ġodda. Is-Servizzi ta' Aċċellerazzjoni tan-Negozju tal-EIC jistgħu jipprovdu appoġġ mhux finanzjarju lill-benefiċjarji u lir-riċevituri finali tal-EIC, u jimmiraw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom tat-teknoloġija profonda u tal-innovazzjoni rivoluzzjonarja, filwaqt li l-Konsulenza tal-Proġett tal-FEK tista' tipprovdi servizzi konsultattivi usa' b'appoġġ għal firxa usa' ta' benefiċjarji. Jenħtieġ li jinħolqu sinerġiji sabiex ir-riċevituri finali tal-Aċċelleratur tal-EIC u tal-Fond tal-EIC jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati fil-fażi tal-espansjoni tagħhom mill-Istrument InvestEU tal-FEK sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet. Dawn il-komplementarjetajiet se jiġu żgurati pereżempju bil-kooperazzjoni tal-Bord Konsultattiv għall-Istrument InvestEU tal-FEK u tal-Bord tal-EIC.

Or. en

Emenda 328
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li taħtar Maniġers tal-Programm biex ifittxu b'mod attiv u jidentifikaw ir-riżultati minn kwalunkwe komponent tal-Programm li jista' jkun ħaqqu jintuża u jiġi valorizzat aktar fi strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod

partikolari mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività, inkluż taħt il-Programm Speċifiku dwar ir-riċerka dwar id-difiża għall-ilhuq tal-objettivi speċifiċi tiegħu.

Or. en

Emenda 329
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-finanzjament ta' espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għan-Negozji li qed jespandu, eżistenti waqt id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jitwettaq skont l-FEK.	(16) Il-finanzjament ta' espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għan-Negozji li qed jespandu, eżistenti waqt id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jitwettaq skont l-FEK. ***L-arranġamenti ta' governanza li jiddefinixxu l-istrutturi, ir-regoli u l-koordinazzjoni bejn Orizzont Ewropa u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività u fihom, se jkunu deċiżivi għall-kapaċità tal-programm li jipprovdi eżiti tal-kompetittività. Dawn iridu jiżguraw progressjoni koerenti u kontinwa mir-riċerka b'TRL baxx u fi stadju bikri, appoġġata primarjament taħt il-Pilastri I u III, sal-fażijiet b'TRL medju u ta' espansjoni taħt il-Pilastru II, sal-użu u l-integrazzjoni fis-suq b'TRL għoli fi stadju tard appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Dan jirrikjedi konnessjonijiet b'saħħithom li jolqtu pilastri differenti u allinjament mal-istrumenti rilevanti tal-FEK, kif ukoll taħlita bilanċjata ta' appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni fundamentali u applikati. F'dan ir-rigward, hija meħtieġa metodoloġija robusta biex torbot b'mod espliċitu l-progressjoni tat-TRL mal-***

istadji suċċessivi tal-iżvilupp ta' negozji ġodda, filwaqt li tiżgura kontinwità tul il-ktajjen tal-valur integrati. Tali approċċ huwa essenzjali biex jiġu indirizzati d-distakki li jifdal relatati mat-tfassil ta' mekkaniżmi simili għall-ARPA u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi fuq skala kbira tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-innovazzjoni.

Or. en

Emenda 330
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-finanzjament ta' espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għan-Negozji li qed jespandu, eżistenti waqt id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jitwettaq skont l-FEK.	(16) Il-finanzjament ta' espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għan-Negozji li qed jespandu, eżistenti waqt id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jitwettaq skont l-FEK***, f'komplementarjetà sħiħa mal-loġika ta' intervent tal-Fond tal-EIC***.

Or. en

Emenda 331
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) L-Intelliġenza Artifiċjali (IA) saret

katalist fundamentali għall-iskopertà xjentifika fid-dixxiplini kollha; il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-IA fix-Xjenza u r-Riżorsa għax-Xjenza tal-IA fl-Ewropa (RAISE). Bl-integrazzjoni tar-RAISE fil-Pilastri kollha, il-Programm għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn "Xjenza 5.0", fejn il-kollaborazzjoni bejn l-IA u l-bniedem issaħħaħ il-produttività, ir-riproduċibbiltà u l-eċċellenza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).

Or. en

Emenda 332
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) L-integrazzjoni tal-IA u ta' sistemi awtomatizzati tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-evalwazzjoni tal-proġetti xjentifiċi tippreżenta riskji sinifikanti għall-integrità u d-diversità tar-riċerka; billi tali sistemi jistgħu jsaħħu l-preġudizzji moħbija, jiffavorixxu metodoloġiji konvenzjonali fuq l-innovazzjoni b'riskju għoli u b'kisbiet kbar, u ma għandhomx il-ġudizzju varjat meħtieġ biex jiġi vvalutat il-ħsieb oriġinali, u b'hekk jiġu mminati l-kwalità tax-xjenza u l-avvanz fit-tul tal-għarfien tal-bniedem. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-valutazzjoni finali tal-mertu xjentifiku tibqa' proċess iċċentrat fuq il-bniedem, appoġġat minn għodod teknoloġiċi trasparenti, etiċi u responsabbli li jippreżervaw il-prinċipji fundamentali tar-rieżami bejn il-pari.

Or. en

Emenda 333
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu.	(17) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni, ***l-Istati Membri u r-reġjuni tal-Unjoni*** u l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu. ***Il-JRC jenħtieġ li jkompli jappoġġa l-awtoritajiet reġjonali permezz ta' taħriġ, kondiviżjoni tal-għarfien u tad-data, analiżi, immudellar, u billi jiftaħ b'mod usa' l-infrastrutturi tar-riċerka tiegħu għar-riċerkaturi u l-industriji.***

Or. en

Emenda 334
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika	(17) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika

indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu.	indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC***, li fosthom jenħtieġ li jkun hemm l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet***, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu.

Or. en

Emenda 335
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Sofie Eriksson, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettiva tal-valuri u l-prinċipji taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[5], b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika, ix-xjenza għall-politika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni, ix-xjenza miftuħa u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà. ***B'mod partikolari, il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-opportunitajiet indaqs lil kulħadd u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni ta' materjal relattiv għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kontenut tar-R&I. Jenħtieġ li jkollu l-għan li jindirizza l-kawżi tal-iżbilanċi bejn il-ġeneri.***	(18) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettiva tal-valuri u l-prinċipji taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[5], b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika, ix-xjenza għall-politika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni, ix-xjenza miftuħa u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà.

Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex, sa fejn hu possibbli, ikun żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-evalwazzjoni u f'korpi konsultattivi rilevanti oħra bħal bordijiet u gruppi ta' esperti.

[5] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj.

[5] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxa għall-Artikolu 5.

Emenda 336
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettiva tal-valuri u l-prinċipji taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[5], b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika, ix-xjenza għall-politika, ***l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni,*** ix-xjenza miftuħa u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà. B'mod partikolari, il-Programm jenħtieġ li jiżgura ***l-promozzjoni effettiva tal-opportunitajiet*** indaqs ***lil kulħadd u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni ta' materjal relattiv għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-***	(18) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettiva tal-valuri u l-prinċipji taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[5], b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika, ix-xjenza għall-politika, ***approċċ strettament ibbażat fuq il-mertu għall-finanzjament u l-evalwazzjoni tar-riċerka, irrispettivament mill-karatteristiċi bbażati fuq l-identità***, ***kif ukoll*** ix-xjenza miftuħa ***f'konformità mal-prinċipju "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ",*** u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà. B'mod partikolari, il-Programm jenħtieġ li jiżgura ***trattament indaqs u opportunitajiet*** indaqs ***abbażi tal-mertu u***

ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kontenut tar-R&I. ***Jenħtieġ li jkollu l-għan li jindirizza l-kawżi tal-iżbilanċi bejn il-ġeneri***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex***, sa fejn hu possibbli,*** ikun żgurat ***bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet*** tal-evalwazzjoni u ***f'korpi*** konsultattivi rilevanti oħra bħal bordijiet u gruppi ta' esperti***.***

l-kisba, mingħajr diskriminazzjoni jew trattament preferenzjali marbut ma' karatteristiċi personali jew ibbażati fuq l-identità. ***L-eċċellenza xjentifika, il-kompetenza u l-kisbiet ippruvati għandhom jibqgħu l-kriterji rilevanti uniċi għall-għażla ta' proġetti, riċerkaturi u esperti***. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat ***li l-bordijiet*** tal-evalwazzjoni u ***korpi*** konsultattivi rilevanti oħra bħal bordijiet u gruppi ta' esperti ***jkunu magħmula abbażi tal-għarfien espert, l-indipendenza u l-istat xjentifiku, sa fejn ikun possibbli, u b'rispett sħiħ tal-prinċipji bbażati fuq il-mertu.***

[5] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj.

[5] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj.

Or. en

Emenda 337
Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni. Id-disparitajiet persistenti fil-kapaċità amministrattiva, fl-aċċess għan-networks u fl-għarfien prattiku meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni jirriskjaw li joħolqu distribuzzjoni ġeografika mhux ugwali tal-finanzjament, li tkun ta' benefiċċju sproporzjonat għal għadd limitat ta' Stati Membri, reġjuni u setturi. Għalhekk, l-iżgurar ta' bilanċ ġeografiku aktar ġust fl-aċċess għall-

finanzjament huwa essenzjali biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-innovazzjoni tal-partijiet kollha tal-Unjoni u biex jiġi evitat l-approfondiment tad-disparitajiet soċjoekonomiċi eżistenti.

Or. pl

Emenda 338
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, András Gyürk, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u ***l-infrastrutturi*** tat-teknoloġija Ewropej ***biex*** jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali***, billi jappoġġa*** l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija Ewropej ***bħala infrastrutturi kbar li jirrikjedu investimenti fit-tul, li għandhom l-għan li jipprovdu ttestjar avvanzat u ambjenti ta' esperimentazzjoni għall-industriji Ewropej u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, u b'hekk*** jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali***. Jenħtieġ li jkopri*** l-kontinwità ***sħiħa*** taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata ***u*** lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq. ***Għal dan l-għan, strateġija dwar l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija Ewropej jenħtieġ li tkun ibbażata fuq proġetti "moonshot" orjentati lejn il-missjonijiet b'komponent xjentifiku b'saħħtu, imfassla biex jagħtu spinta lill-ħolqien tal-valur u l-awtonomija strateġika madwar l-UE kollha fl-oqsma teknoloġiċi u industrijali ewlenin differenti, inklużi inizjattivi fuq skala kbira f'oqsma bħall-fiżika tal-partikoli, l-avjazzjoni nadifa, il-computing kwantistiku, l-intelliġenza artifiċjali tal-ġenerazzjoni li jmiss, is-sovranità tad-data tar-riċerka, il-mobbiltà awtomatizzata, it-terapiji riġenerattivi, l-enerġija mill-fużjoni nukleari, l-esplorazzjoni spazjali, ir-reżiljenza tal-***

ilma u l-osservazzjoni tal-oċeani, bil-kombinament tal-eċċellenza xjentifika mal-kapaċitajiet tal-użu industrijali permezz ta' appoġġ koordinat taħt il-Programm Qafas u l-istrumenti komplementari.

Or. en

Emenda 339
Katri Kulmuni, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u ***l-infrastrutturi*** tat-teknoloġija ***Ewropej*** biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità ***taċ-ċiklu*** tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija Ewropej***, filwaqt li jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet strateġiċi tal-Unjoni u jipprovdi valur miżjud Ewropew permezz ta' ppjanar koerenti fit-tul u investimenti koordinati mal-Istati Membri. Il-ħidma tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) u kwalunkwe forum strateġiku ulterjuri għall-infrastrutturi tat-teknoloġiji għandha titqies kif xieraq. L-objettiv li ssir kontribuzzjoni ta' mhux aktar minn 20 % tal-kostijiet ta' kostruzzjoni jew ta' titjib kbir huwa biex jiġi appoġġat portafoll tal-infrastrutturi kemm tar-riċerka kif ukoll tat-teknoloġija Ewropej*** biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-proposta, l-infrastrutturi tat-teknoloġija (TIs) għandhom nieqsa dispożizzjoni simili għall-infrastrutturi tar-riċerka rigward l-appoġġ CAPEX u korp konsultattiv. Għalhekk, hija

meħtieġa dispożizzjoni ġdida biex tiddikjara li appoġġ ta' 20 % ta' CAPEX huwa applikabbli wkoll għall-infrastrutturi tat-teknoloġija u huwa meħtieġ forum strateġiku għall-infrastrutturi tat-teknoloġija. Tali appoġġ jista' jikkontribwixxi bil-kbir għall-kwistjoni tal-espansjoni tal-Ewropa.

Emenda 340
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq. ***Bħala tali, il-kriterji tal-għażla huma importanti, u jenħtieġ li jinkoraġġixxu t-teħid ta' riskji xjentifiċi u ideat mhux konvenzjonali, fir-rikonoxximent li proġetti bl-ogħla potenzjal trasformattiv spiss jinvolvu livell għoli ta' inċertezza. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa inizjattivi kuraġġużi li kapaċi jiġġeneraw skoperti rivoluzzjonarji.***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

F'dinja li qed tinbidel u li qed tevolvi b'mod rapidu, huwa essenzjali mhux biss li tiġi appoġġata riċerka sigura u klassika, iżda wkoll li jiġu mħeġġa inizjattivi kuraġġużi li kapaċi jiġġeneraw skoperti rivoluzzjonarji.

Emenda 341
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u ***l-infrastrutturi*** tat-teknoloġija Ewropej ***biex*** jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija Ewropej***, filwaqt li jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet strateġiċi tal-Unjoni u jipprovdi valur miżjud Ewropew permezz ta' ppjanar koerenti fit-tul u investimenti koordinati mal-Istati Membri. L-appoġġ lill-kostijiet ta' kostruzzjoni jew ta' titjib kbir tal-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija se*** jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.

Or. en

Emenda 342
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq***, filwaqt li jiżgura prestazzjoni bilanċjata u inklużiva tal-infrastrutturi tar-R&T u l-kooperazzjoni usa' tagħha ma' sħab min-negozju u l-akkademja. F'dan id-dawl, il-limitazzjonijiet relatati mal-għajnuna mill-Istat jenħtieġ li jitqiesu mill-ġdid.***

Or. en

Emenda 343
Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa ***bis-sħiħ*** l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali***, filwaqt li jiżgura aċċess territorjali wiesa' u bilanċjat,*** billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata ***u jiffaċilita t-tixrid effettiv tar-riżultati f'livell nazzjonali u reġjonali,*** lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.

Or. en

Emenda 344
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u ***l-infrastrutturi*** tat-teknoloġija Ewropej ***biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.***	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija Ewropej***, billi jikkontribwixxi għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u jipprovdi valur miżjud Ewropew permezz ta' ppjanar koerenti fit-tul u investimenti koordinati mal-Istati Membri. Il-ħidma tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) [u kwalunkwe forum strateġiku ulterjuri għall-infrastrutturi tat-teknoloġiji] jenħtieġ li titqies b'mod xieraq.***

Or. en

Emenda 345
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli, Aldo Patriciello

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, ***billi*** jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, ***filwaqt li jinvolvi lill-Universitajiet u l-istituti tar-riċerka u*** jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.

Or. en

Emenda 346
Christophe Clergeau, Michalis Hadjipantela, Tilly Metz, Ondřej Krutílek, Marta Temido

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	(19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej***, inklużi koorti ta' ċittadini Ewropej,*** biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.

Or. en

Emenda 347
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, András Gyürk

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Biex tevita d-duplikazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESFRI, l-ERICs, il-Laboratorji tal-Ittestjar tal-Innovazzjoni Miftuħa, il-Faċilitajiet tal-Ittestjar u tal-Esperimenti, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, tiżviluppa strateġija pan-Ewropea koerenti għall-Infrastrutturi tat-Teknoloġija u timmodernizza l-politika tal-Infrastruttura tar-Riċerka sabiex tirrifletti l-importanza dejjem tikber tal-linji gwida, tal-faċilitajiet tal-ittestjar, tal-infrastrutturi diġitali u tal-pjattaformi tad-dimostrazzjoni.

Or. en

Emenda 348
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 19b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) Il-Kummissjoni għandha tiżgura rispett strett tal-limitu ta' 20 %, filwaqt li tiżgura li l-Programm Qafas ma jintużax biex jiffinanzja l-kostruzzjoni ta' bini jew faċilitajiet u jibqa' ffukat fuq l-appoġġ għall-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li l-kostijiet ta' kostruzzjoni għandhom jibbażaw primarjament fuq il-fondi strutturali u ta' koeżjoni.

Or. en

Emenda 349

Aura Salla, Willemien Koning, Wouter Beke, Angelika Winzig, Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, huwa mfassal biex jippromwovi r-riċerka mmexxija mill-eċċellenza. Bħala programm ta' riċerka, ma għandux iservi bħala strument ta' koeżjoni. Il-miżuri tal-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi tat-twessigħ u f'dawk fi tranżizzjoni jaqgħu primarjament taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Iż-żamma ta' enfasi ċara fuq l-eċċellenza hija essenzjali biex tiġi żgurata l-kwalità tal-eżiti tar-riċerka u tal-innovazzjoni, u biex tissaħħaħ il-kompetittività.

Emenda 350
Jüri Ratas

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.	(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027. ***Id-diviżjoni tal-Istati Membri f'"Pajjiżi fi tranżizzjoni" u "Pajjiżi tat-twessigħ" jenħtieġ li sservi bħala perkors ta' progressjoni bbażat fuq il-mertu. Għall-Pajjiżi tat-twessigħ, li wrew tkabbir sinifikanti fil-kapaċità tar-R&I tagħhom, il-Programm jenħtieġ li jipprovdi "Pakkett ta' Eċċellenza tat-Tranżizzjoni" imfassal apposta. Dan il-pakkett jenħtieġ li jibdel l-enfasi mill-bini tal-kapaċità bażika lejn it-tisħiħ tat-tmexxija xjentifika, ir-rwoli ta' koordinazzjoni, u l-integrazzjoni sħiħa fin-networks ta' eċċellenza, u b'hekk jevita penali ta' suċċess u jipprovdi rampa ċara għall-progressjoni għall-ekosistemi bi***

prestazzjoni għolja.

(20a) Il-miżuri ta' twessigħ jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tisħiħ progressiv tal-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni f'pajjiżi eliġibbli u jenħtieġ li jkunu mfassla biex jappoġġaw l-avvanz mill-bini tal-kapaċità lejn parteċipazzjoni, tmexxija u suċċess aktar b'saħħithom fil-partijiet ewlenin tal-Programm. Tali appoġġ jenħtieġ li ma jistabbilizzax il-benefiċjarji f'kategoriji ta' appoġġ permanenti, iżda jenħtieġ li joħloq inċentivi għal riforma kontinwa, prestazzjoni mtejba u progressjoni lejn l-eċċellenza. Il-miżuri ta' twessigħ jenħtieġ ukoll li jservu funzjoni abilitanti mmirata billi jsaħħu l-kapaċità tal-pajjiżi eliġibbli li jipparteċipaw b'suċċess f'partijiet oħra tal-Programm. Tali miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod li jippreżerva n-natura bbażata fuq l-eċċellenza tal-Programm u jenħtieġ li ma jnaqqsux l-istandards tal-kwalità jew jibdlu l-prinċipji ta' evalwazzjoni applikabbli f'partijiet oħra tal-Programm. Fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Miżuri ta' twessigħ, jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq il-livelli differenti ta' żvilupp, kapaċità ta' implimentazzjoni u kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiżi eliġibbli. Għalhekk, il-portafoll ta' strumenti jenħtieġ li jiġi differenzjat b'mod xieraq, inkluż fir-rigward tan-natura, l-iskala u l-kost tal-miżuri kkonċernati, sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-baġit filwaqt li jinżammu r-rilevanza, il-kwalità u l-impatt strateġiċi.

(20b) Sehem bilanċjat tar-riżorsi allokati għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza għandu jkun disponibbli għal miżuri orjentati lejn il-progressjoni li jappoġġaw lill-pajjiżi fi tranżizzjoni, filwaqt li jitqiesu l-objettivi tal-politika, il-kapaċità ta' assorbiment u l-impatt mistenni. Fil-valutazzjoni tal-isforzi nazzjonali ta' investiment fir-R&I u l-applikazzjoni ta' kundizzjonalità għall-aċċess għal miżuri speċifiċi, l-Unjoni

jenħtieġ li tqis ix-xenarju ġeopolitiku li qed jinbidel. L-Istati Membri li qed jiffaċċjaw rekwiżiti baġitarji straordinarji u dokumentati relatati mas-sigurtà nazzjonali u tal-Unjoni jenħtieġ li jingħataw flessibbiltà. Tali ċirkostanzi jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala każijiet debitament ġustifikati fejn ir-riformi strutturali tar-R&I, aktar minn miri ta' investiment purament kwantitattivi, iservu bħala l-indikatur primarju tal-impenn ta' Stat Membru lejn iż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Or. en

Emenda 351
Claudiu-Richard Târziu, Şerban Dimitrie Sturdza

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni ***li jsaħħu*** l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, ***li jwasslu*** għal ***sistema*** Ewropea ***tar-R&I*** aktar koeżiva u integrata ***u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta'*** mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021**-**2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi ***tal-Indiċi*** tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), ***abbażi tal-kriterji*** li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont	(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u ***r-reġjuni, u*** t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni***, sabiex isaħħu*** l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ***u r-reġjuni*** ta' tranżizzjoni, ***filwaqt li jqisu d-disparitajiet territorjali fl-Istati Membri, u b'hekk jikkontribwixxu*** għal ***Żona*** Ewropea ***tar-Riċerka*** aktar koeżiva u integrata ***jappoġġaw il-progress lejn l-objettiv tal-Unjoni li tinvesti*** mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp***. F'dan il-kuntest, it-twessigħ tal-parteċipazzjoni fir-R&I jikkostitwixxi sfida strutturali, li hija marbuta ma' differenzi strutturali u relatati mal-opportunitajiet li ilhom jeżistu fl-ekosistemi tar-riċerka reġjonali u tal-innovazzjoni reġjonali, u għalhekk, jenħtieġ li ma jiġux trattati bħala status purament tranżizzjonali bbażat unikament fuq indikaturi nazzjonali aggregati tal-***

Ewropa; ii) “Pajjiżi ta’ twessigħ”, l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.

prestazzjoni. Hemm riskju li l-klassifikazzjonijiet tat-twessigħ fil-livell tal-pajjiżi jaħbu disparitajiet reġjonali profondi u li jirrappreżentaw ħażin ir-realtajiet territorjali billi jiffokaw fuq il-medji nazzjonali aktar milli fuq il-prestazzjoni reġjonali. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021–2027 jenħtieġ li jinqasmu f’żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi ***ta’ kombinament ta’ indikaturi, inkluż l-Indiċi Ewropew*** tat-Tabella ta’ Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), ***filwaqt li jiġi żgurat li tali indikaturi jintużaw bħala għodod analitiċi u ma jirriżultawx fl-esklużjoni ta’ reġjuni bi prestazzjoni aktar baxxa mill-miżuri tal-bini tal-kapaċità. F’dan il-kuntest, il-prestazzjoni fil-livell reġjonali, inkluż fil-livell NUTS 2 kif rifless fit-Tabella ta’ Innovazzjoni Reġjonali, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata kif xieraq. Id-diviżjoni f’żewġ gruppi jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-kriterji*** li ġejjin: i) “Pajjiżi ta’ tranżizzjoni”, ***jistgħu jiġu identifikati bħala dawk l-Istati Membri eliġibbli*** kemm b’Indiċi tat-Tabella ta’ Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b’redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa***, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-eżistenza ta’ reġjuni bi prestazzjoni aktar baxxa fl-Istati Membri fi tranżizzjoni li jistgħu xorta waħda jkunu eliġibbli għall-appoġġ għat-twessigħ u għall-bini tal-kapaċità għar-R&I***; ii) “Pajjiżi ta’ twessigħ”, l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027***; l-appoġġ allokat lil dan il-grupp jenħtieġ li jinkludi t-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-atturi ta’ innovazzjoni, il-kooperazzjoni interreġjonali u l-kapaċità li l-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali jassorbu, jimplimentaw u jespandu r-riżultati ta’ riċerka u innovazzjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

At national level, strong research and innovation performance is often concentrated in major cities, while surrounding regions lag behind. Relying on a single, national-level measure therefore fails to capture the full picture of R&I performance. For this reason, R&I assessment should go beyond national averages and adopt a place-based, regional perspective. Therefore, this amendment ensures that the differentiation between 'transition' and 'widening' countries does not rely solely on aggregate national indicators and does not lead to the exclusion of less-performing regions from capacity-building support. By taking regional disparities into account, it strengthens a place-based approach to widening, safeguards cohesion objectives and ensures that excellence-driven funding contributes to a more balanced and resilient European Research Area.

Emenda 352
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Davor Ivo Stier, Radan Kanev, Pilar del Castillo Vera, Jüri Ratas, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u ***t-tisħiħ tar-rabtiet*** kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal ***sistema*** Ewropea ***tar-R&I*** aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi ***tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "***Pajjiżi ta' tranżizzjoni***", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-***	(20) ***Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet nazzjonali fl-Unjoni fil-kapaċità u l-ħiliet tar-riċerka u l-innovazzjoni. L-ilħuq ta' dan l-objettiv jirrikjedi approċċ ta' sħubija, li fih l-appoġġ fil-livell tal-Unjoni jkun ikkomplementat minn investiment nazzjonali sostnut fir-R&Ż u riformi strutturali biex jissaħħu l-ekosistemi tar-riċerka fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fl-Istati Membri fejn tali sforzi jistgħu jrendu l-akbar impatt.*** Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u ***b'appoġġ għat-tisħiħ tat-tmexxija xjentifika u l-eċċellenza fil-koordinazzjoni f'Pajjiżi tat-Twessigħ, filwaqt li jsaħħaħ ir-rabtiet*** kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-

2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri ***l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027***.

pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal ***Żona*** Ewropea ***tar-Riċerka*** aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi ***tal-pożizzjoni tagħhom fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka. L-Istati Membri li l-ekosistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom huma maturi u integrati sew fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka se jitqiesu bħala*** Pajjiżi ta' Tranżizzjoni***, filwaqt li Stati*** Membri ***oħra jibqgħu Pajjiżi tat-Twessigħ. Dan l-approċċ differenzjat jirrifletti l-ambizzjoni tal-Programm li jappoġġa l-Istati Membri kollha biex jibnu b'mod progressiv il-pedamenti għal prestazzjoni b'saħħitha fir-R&I u jsaħħu l-parteċipazzjoni fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, bl-istennija li miżuri ta' appoġġ dedikati jevolvu f'konformità mal-progress miksub tul il-Programmi Qafas suċċessivi***.

Or. en

Emenda 353
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni***, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-***	(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-

riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.

Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027. ***Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta varjetà ta' miżuri li jiżguraw koordinaturi minn pajjiżi tat-twessigħ u fi tranżizzjoni tul il-programm Orizzont Ewropa u jappoġġaw il-kollaborazzjoni bejn ekosistemi inqas innovattivi u dawk aktar innovattivi biex jindirizzaw il-frammentazzjoni u jisfruttaw il-kapaċitajiet fl-ekosistemi differenti tal-innovazzjoni territorjali, b'enfasi fuq l-indirizzar tad-distakki fil-kapaċità strutturali permezz ta' miżuri marbuta biż-żmien, indikaturi ta' progressjoni ċari u appoġġ immirat, inklużi miżuri ta' appoġġ mill-Istati Membri b'sistemi tal-edukazzjoni għolja aktar maturi u intensivi fir-riċerka, permezz ta' kollaborazzjoni msaħħa u bini tal-kapaċità istituzzjonali profond.***

Or. en

Emenda 354
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti ***b'appoġġ għall-bini*** tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li	(20) ***Sabiex tiġi evitata konċentrazzjoni ta' riċerka u innovazzjoni fl-Istati Membri u l-entitajiet bi prestazzjoni għolja, meta wieħed iqis id-diskrepanza persistenti fir-R&I fl-Ewropa, li ddgħajjef iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), tfixkel is-suq uniku għar-R&I u taffettwa b'mod***

jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. ***L-Istati*** Membri ***eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i)*** *"*Pajjiżi ***ta'*** tranżizzjoni***", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ",*** l-Istati Membri ***l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027***.

negattiv il-kompetittività globali tal-UE, il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti ***biex jipprevjeni dawn l-eżiti negattivi, jistabbilixxi kollaborazzjonijiet ġodda fir-R&I madwar l-Ewropa u juża bis-sħiħ il-potenzjal u t-talenti tar-R&I tal-Unjoni kollha. Il-programm jenħtieġ li jiżgura baġit stabbli u suffiċjenti ta' mill-inqas 7 % tal-baġit tal-Programm Qafas biex jappoġġa l-bini*** tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni, li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiċċekkja l-validità tal-kategorizzazzjoni tal-Istati*** Membri ***bħala*** Pajjiżi ***tat-Twessigħ u fi*** Tranżizzjoni ***fl-2030 u tipproponi aġġustamenti korrispondenti jekk ikun ġustifikat abbażi ta' indikaturi trasparenti u oġġettivi stabbiliti f'konsultazzjoni mal-Istati Membri. Madankollu, jenħtieġ li jitqiesu wkoll id-disparitajiet reġjonali f'dawn*** l-Istati Membri***, inklużi sfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ċerti reġjuni, pereżempju r-reġjuni tal-fruntiera esterna tal-Lvant***.

Or. en

Emenda 355
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi	(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi

madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.

madwar l-Unjoni ***u inklużi r-reġjuni filwaqt*** li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp***. Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta varjetà ta' miżuri li jiżguraw koordinaturi minn pajjiżi tat-twessigħ u fi tranżizzjoni fil-programm Orizzont Ewropa kollu u jappoġġaw il-kollaborazzjoni bejn ekosistemi inqas innovattivi u dawk aktar innovattivi biex jindirizzaw il-frammentazzjoni u jisfruttaw il-kapaċitajiet fl-ekosistemi differenti ta' innovazzjoni territorjali***. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal-perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.

Or. en

Emenda 356
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi	(20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi

madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ ***u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni***, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi ***għal-perjodu kollu tal-Programm,*** abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.

madwar l-Unjoni li jsaħħu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi ***wara rieżami tal-2030 li għandu jitwettaq*** abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.

Or. en

Emenda 357
Davor Ivo Stier, Eszter Lakos

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) It-tnaqqis tad-disparitajiet fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni jibqa' essenzjali għat-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-iżgurar tal-mobilizzazzjoni sħiħa tal-bażi tat-talent u tal-għarfien tal-Ewropa.

Or. en

Emenda 358
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Il-kundizzjonalità tal-aċċess għal strumenti ta' twessigħ ibbażati fuq l-investiment pubbliku fir-R&Ż mhijiex aċċettabbli fix-xenarju ġeopolitiku attwali fejn l-Istati Membri jeħtiġilhom jittrattaw pressjonijiet baġitarji straordinarji.

Or. en

Emenda 359
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20b) Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja mill-qrib il-livelli ta' parteċipazzjoni fil-pajjiżi tat-twessigħ u, jekk jitfaċċaw żbilanċi kontinwi, tintroduċi miżuri addizzjonali biex tindirizzahom u tikseb xejra usa' ta' parteċipazzjoni.

Or. en

Emenda 360
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Jüri Ratas, Angelika Niebler

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li jagħraf ***il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni*** internazzjonali	(21) Filwaqt li jagħraf ***li l-kooperazzjoni*** internazzjonali ***tikkontribwixxi għaż-***

biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

żamma tal-eċċellenza xjentifika u tal-innovazzjoni, u trawwem il-kompetittività permezz ta' kooperazzjoni ekonomika mas-sħab internazzjonali kif ukoll, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. ***Id-deċiżjonijiet dwar l-ambitu ta' assoċjazzjoni ta' pajjiż terz mal-Programm huma b'mod inerenti ta' natura politika ħafna, u saru ferm aktar hekk fid-dawl tal-konnessjoni stretta bejn il-Programm u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, li jqarreb l-assoċjazzjoni lejn kwistjonijiet ewlenin tal-kompetittività industrijali, l-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, l-analiżi tar-riskju/benefiċċju li tirfed l-ambitu tal-assoċjazzjoni ta' kull pajjiż terz jenħtieġ li tkun sostantiva, speċifika għall-pajjiżi u bbażata fuq l-evidenza, jenħtieġ li tinkludi evidenza dwar l-istat tal-libertà akkademika fil-pajjiż terz ikkonċernat, u jenħtieġ li tiġi kondiviża mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill qabel ma jsir kwalunkwe skambju formali ma' dak il-pajjiż terz, sabiex il-koleġiżlaturi jkunu jistgħu jeżerċitaw skrutinju politiku sinifikattiv fi stadju meta l-fehmiet tagħhom ikunu għadhom jistgħu jservu ta' bażi għall-pożizzjoni ta' negozjar tal-***

Unjoni. Meta l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà akkademika f'pajjiż terz ma jissodisfawx l-istandards Ewropej, l-assoċjazzjoni mal-Programm jenħtieġ li tkun possibbli biss bil-kundizzjoni li l-pajjiż terz ikkonċernat jimpenja ruħu għal miżuri konkreti biex itejjeb il-libertà akkademika. Din il-kundizzjoni jenħtieġ li tapplika għall-kategoriji kollha tal-pajjiżi assoċjati, inklużi l-membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali. F'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(a) tiegħu, l-Istati taż-ŻEE-EFTA jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-partijiet kollha tal-Programm fuq bażi ugwali bħall-Istati Membri tal-UE. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

Or. en

Emenda 361
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li jagħraf ***il-benefiċċju*** miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm	(21) Filwaqt li jagħraf ***il-valur intrinsiku tad-diplomazija xjentifika u l-benefiċċju*** miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku,

jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. ***Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża,*** jenħtieġ li ***jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi*** terzi ***assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża***. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Jenħtieġ li l-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluża s-sigurtà ekonomika, ikunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li tista' tikseb l-Unjoni sabiex jiġu indirizzati l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. ***L-Unjoni jenħtieġ li tagħmel ħilitha biex iżżomm il-Programm miftuħ kemm jista' jkun għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, iżda magħluq kemm meħtieġ biex tippreżerva l-integrità tal-valuri li fuqhom huwa mibni u biex tipproteġi mir-riskji għas-sigurtà tar-riċerka, inklużi l-miżapproprjazzjoni tal-għarfien, it-trasferiment ta' teknoloġiji sensittivi u l-interferenza mill-barranin fl-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk,*** jenħtieġ li ***l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi*** terzi ***mal-Programm tiġi riżervata għall-pajjiżi li jikkondividu b'mod ġenwin dawn il-valuri u juru impenn kredibbli u sostnut biex jirrispettawhom***. ***Għalhekk, pajjiż li jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali, inklużi d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju, ma jistax jitqies bħala sħab affidabbli fl-insegwiment tal-objettivi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni, u lanqas bħala pajjiż li jikkondividi l-valuri li fuqhom huwa mibni l-Programm. Meta jkun hemm evidenza ta' tali nuqqas, l-***

integrità u l-kredibbiltà tal-Programm bħala strument tal-politika esterna tal-Unjoni jiġu mminati b'mod fundamentali jekk titħalla titkompla l-assoċjazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun meħtieġa taġixxi mingħajr dewmien biex tibda t-terminazzjoni tal-ftehim ta' assoċjazzjoni f'tali każijiet, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti proċedurali applikabbli taħt id-dritt tal-Unjoni. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni jenħtieġ ukoll li jipprevedi sett gradwali ta' miżuri, inklużi s-sospensjoni u r-restrizzjoni, applikabbli f'każijiet ta' ksur serju tal-kundizzjonijiet ta' assoċjazzjoni li ma jilħqux il-limitu meħtieġ għat-terminazzjoni. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

Or. en

Emenda 362
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li ***timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza*** tal-Unjoni fir-R&I, inkluż ***il-kapaċità*** tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ ***u*** jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta'	(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali***, ġeopolitiku*** u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li ***tkun ibbażata fuq il-valuri u l-prinċipji kondiviżi u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività, is-sovranità, is-sigurtà u r-reżiljenza*** tal-Unjoni***, u b'hekk issaħħaħ it-tmexxija*** fir-R&I ***tal-Unjoni***, inkluż ***ir-rwol tagħha fid-diplomazija xjentifika globali u l-kapaċità*** tagħha li tattira u

kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm ***kollu jew ma' partijiet minnu*** jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi ***assoċjati mal-Fond*** Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. ***Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji***.

żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ***inġenerali, u b'mod partikolari s-sigurtà*** ekonomika ***u tar-riċerka***, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ***.*** Jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni ***sħiħa jew parzjali*** mal-Programm jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni***. Il-pajjiżi terzi jenħtieġ ukoll li jinkludu l-kategorija ta' mikrostati Ewropej (il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco, ir-Repubblika ta' San Marino u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) fejn hemm fis-seħħ ftehimiet internazzjonali rilevanti ma' dak l-istat u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih***. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi ***li jipparteċipaw fil-Fond*** Ewropew għall-Kompetittività ***f'konformità mal-Artikolu 50 tiegħu*** għall-attivitajiet tad-difiża. ***Jistgħu jiġu stabbiliti limitazzjonijiet addizzjonali, ibbażati fuq il-karattru tal-attivitajiet immirati relatati mad-difiża taħt l-EIC. Meta tittieħed deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-Programm, għandhom jiġu osservati l-prerogattivi rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 218 tat-TFUE***.

Or. en

Emenda 363
Nikos Pappas, Anthony Smith

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja***. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża***. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.	(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ***tindirizza l-isfidi globali kbar tas-soċjetà u*** ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

Or. en

Emenda 364
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju	(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju

miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji. ***F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-qafas Ewropew emerġenti għad-diplomazija xjentifika, il-Programm jenħtieġ ukoll li jippromwovi l-attrazzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tat-talent fir-riċerka minn pajjiżi fejn il-baġits pubbliċi tar-riċerka u l-innovazzjoni f'oqsma li huma rilevanti għall-interessi ekonomiċi, tas-soċjetà u tas-sigurtà tal-Unjoni qed jitnaqqsu b'mod sinifikanti, sabiex jiġi pprevenut telf irriversibbli tal-kapaċità xjentifika u tissaħħaħ il-bażi ta' għarfien tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 365
Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Thomas Pellerin-Carlin, Christophe Clergeau, Giorgio Gori, Matthias Ecke, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.	(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi***, inkluż permezz ta' azzjonijiet immirati ma' pajjiżi b'introjtu baxx u dawk b'introjtu medju, abbażi tal-benefiċċju reċiproku, u f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali, u jikkontribwixxi għall-provvista tal-ben pubbliku globali***. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

Emenda 366
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività ***u l-eċċellenza*** tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.	(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali***, ġeopolitiku*** u soċjetali komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività***, is-sigurtà u r-reżiljenza*** tal-Unjoni***, filwaqt li tissaħħaħ it-tmexxija*** fir-R&I ***tal-Unjoni***, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. ***Jistgħu jiġu stabbiliti limitazzjonijiet addizzjonali, ibbażati fuq il-karattru tal-attivitajiet immirati relatati mad-difiża taħt l-EIC.*** Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-

dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

Or. en

Emenda 367
Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, ***jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali*** komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet	(21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, ***jiġu indirizzati x-xjenzi teknoloġiċi, ekonomiċi u x-Xjenzi tal-Ħajja u tad-Dinja*** komuni, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi***, fejn tali kooperazzjoni hija mistennija li tkun benefiċjali b'mod reċiproku, u bbażata fuq regoli reċiproċi***. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħtieġ li timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż il-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aqwa talenti mid-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi, inkluż is-sigurtà ekonomika, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-approċċ u jenħtieġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tħares il-valuri u l-interessi tal-Unjoni. L-assoċjazzjoni mal-Programm kollu jew ma' partijiet minnu jenħtieġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża. Il-Programm jista' jappoġġa attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Globali diment li dawn ikunu konformi mar-regoli u l-objettivi ta' dan ir-

dwar is-sinerġiji.	Regolament bi qbil mad-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji.

Or. en

Emenda 368
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Eszter Lakos, Pilar del Castillo Vera, Angelika Winzig, Jüri Ratas, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Il-Programm Qafas huwa wieħed mill-aktar strumenti sinifikanti tal-Unjoni għad-diplomazija xjentifika, li jippromwovi l-valuri, l-eċċellenza xjentifika u s-setgħa ta' tlaqqigħ tal-Unjoni fuq livell globali. Permezz tal-politika ta' assoċjazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' parteċipazzjoni internazzjonali tiegħu, u inizjattivi bħal "Agħżel l-Ewropa għax-Xjenza", il-Programm Qafas isaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tal-Unjoni bħala attur ewlieni globali tax-xjenza u t-teknoloġija, irawwem djalogu u l-bini tal-fiduċja mal-pajjiżi sħab, u jappoġġa l-insegwiment tal-paċi u ta' ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Fl-istess ħin, id-diplomazija xjentifika effettiva ssaħħaħ il-Programm Qafas innifsu billi tattira l-aqwa riċerkaturi u innovaturi fid-dinja, u b'hekk issostni l-eċċellenza xjentifika li minnha jiddependi l-impatt tal-programm. F'dan ir-rigward, il-Programm Qafas jenħtieġ ukoll li jikkontribwixxi għall-pożizzjoni tal-Unjoni bħala fortizza globali għal-libertà tar-riċerka xjentifika, inkluż billi jiżgura li d-data xjentifika tibqa' disponibbli bħala beni komuni globali. Għalhekk, il-Programm Qafas jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod konsistenti mal-qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija xjentifika, filwaqt li jiġi

żgurat li jinżammu s-salvagwardji meħtieġa f'termini tas-sigurtà ekonomika u tar-riċerka.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għażla dwar l-ambitu ta' assoċjazzjoni ta' pajjiż terz dejjem kienet waħda politikament sensittiva, iżda l-arkitettura l-ġdida li torbot lil Orizzont Ewropa b'mod strett mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività jagħmilha saħansitra aktar hekk: id-deċiżjonijiet ta' assoċjazzjoni issa għandhom implikazzjonijiet diretti għall-politika industrijali, l-awtonomija strateġika u l-qagħda tas-sigurtà ekonomika tal-Unjoni. Għalhekk, huwa kruċjali li din id-deċiżjoni ssir fuq bażi ta' evidenza soda u li l-koleġiżlaturi jkunu informati b'mod sħiħ mill-bidu tal-proċedura.

Emenda 369
Ivars Ijabs, Elisabetta Gualmini, Christophe Grudler, Sophie Wilmès, Barry Andrews, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) (ġdida) F'ambjent ġeopolitika dejjem aktar kumpless u kkontestat, fejn ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni saru xprunaturi ewlenin tal-kompetittività ekonomika, is-sigurtà u l-influwenza globali, l-Unjoni jenħtieġ li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fid-diplomazija xjentifika bħala komponent integrali tal-azzjoni esterna u tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas Ewropew koerenti għad-diplomazija xjentifika billi jsaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-akkademja, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-industrija u s-soċjetà ċivili. Fl-insegwiment ta' dawk l-objettivi, il-Programm jenħtieġ li jiżgura bilanċ xieraq bejn il-ftuħ u l-protezzjoni tal-assi strateġiċi tal-Unjoni, filwaqt li jqis

il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà tar-riċerka, u jenħtieġ li jippromwovi kooperazzjoni internazzjonali responsabbli bbażata fuq valuri kondiviżi.

Or. en

Emenda 370
Christophe Grudler, Bart Groothuis, Michael McNamara, Michał Kobosko, Elisabetta Gualmini

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Il-Programm jenħtieġ ukoll li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-attraenza tal-Unjoni bħala ċentru globali għar-riċerka u l-innovazzjoni. F'kuntest ta' kompetizzjoni internazzjonali għat-talent li qed tintensifika, Orizzont Ewropa jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-Unjoni li tattira, iżżomm u trawwem l-aqwa riċerkaturi, innovaturi u professjonisti b'livell għoli ta' ħiliet fid-dinja. Għal dan l-għan, l-inizjattivi li għandhom l-għan li jsaħħu l-attraenza tal-Ewropa, bħall-inizjattiva Għżel l-Ewropa, jenħtieġ li jiġu sostnuti u minquxa b'mod progressiv fl-objettivi u fl-implimentazzjoni tal-Programm, inklużi l-programmi ta' ħidma tiegħu. Il-promozzjoni tal-mobbiltà tat-talenti, l-offerta ta' opportunitajiet eċċellenti ta' impjieg u l-iżgurar ta' ambjent tar-riċerka miftuħ, dinamiku u akkademikament liberu jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala elementi essenzjali għat-tisħiħ tal-eċċellenza xjentifika, it-tmexxija teknoloġika u l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 371

Julie Rechagneux, Pascale Piera, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Silvia Sardone, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) L-istrateġija l-ġdida tal-10 Programm Qafas ta' kooperazzjoni internazzjonali tirrikonoxxi li jista' jkun hemm tensjoni bejn ir-riflessjonijiet dwar l-awtonomija strateġika u x-Xjenza miftuħa u approċċ globali għall-kooperazzjoni fir-riċerka, u tissottolinja li l-programmi tal-Unjoni jenħtieġ li jsibu bilanċ xieraq bejn il-ftuħ u approċċ konxju dwar ir-riskju għas-sigurtà tar-riċerka. L-awtonomija strateġika jenħtieġ li ssir prinċipju gwida, peress li l-kollaborazzjoni internazzjonali tirrikjedi approċċ varjat, granulari u mmexxi mill-iskop li jirrikonoxxi li l-pajjiżi jistgħu jkunu sħab, kompetituri jew rivali sistemiċi skont il-qasam tar-riċerka, u jenħtieġ li tkun ibbażata fuq prinċipji ta' reċiproċità, benefiċċju reċiproku, allinjament strateġiku u prattiki kummerċjali ġusti.

Or. en

Emenda 372
Nikos Pappas, Anthony Smith, Hanna Gedin

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-Unjoni Ewropea ankrat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni. Huma biss il-pajjiżi terzi li jaderixxu ma' dan il-prinċipju li jenħtieġ li jitħallew jipparteċipaw fl-attivitajiet ta'

riċerka u innovazzjoni taħt il-Programm. F'każ ta' ksur tal-prinċipji fundamentali tal-Unjoni, il-ftehim ta' assoċjazzjoni mal-pajjiż terz rilevanti jenħtieġ li jiġi tterminat jew sospiż kompletament immedjatament u l-pajjiż jenħtieġ li jiġi eskluż minn finanzjament taħt kwalunkwe programm tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 373
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Barra minn hekk, f'kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi dejjem akbar u pressjonijiet dejjem akbar fuq il-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika f'partijiet tad-dinja, l-Unjoni jenħtieġ li tibqa' ambjent miftuħ u sikur għar-riċerkaturi, l-innovaturi u l-intraprendituri u tikkontribwixxi għas-salvagwardja taċ-ċirkolazzjoni globali tal-għarfien, u b'hekk issaħħaħ il-bażi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 374
Nikos Pappas, Anthony Smith, Hanna Gedin

Proposta għal regolament
Premessa 21b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21b) Wara s-sentenzi tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fl-2024 u l-2025 li sabu li l-okkupazzjoni tat-territorji

Palestinjani minn Iżrael hija illegali, u r-riżoluzzjoni tan-NU li titlob it-tmiem tal-preżenza illegali ta' Iżrael, Orizzont Ewropa jenħtieġ li jeskludi l-finanzjament għal kwalunkwe attività ta' riċerka u innovazzjoni li tinvolvi l-universitajiet, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, jew il-kumpaniji ta' Iżrael li joperaw fit-territorji okkupati jew li jikkollaboraw ma' entitajiet militari.

Or. en

Emenda 375
Nikos Pappas, Anthony Smith

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[6]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u	***imħassar***

konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi[7]. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal fornituri ta' riskju għoli.

---

[6] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

Or. en

Emenda 376
Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Mariateresa Vivaldini, Carlo Ciccioli, Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Carlo Fidanza, Anna Zalewska

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[6]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-	(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[6]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-

sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi[7]. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal forniturі ta' riskju għoli.

[6] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. ***. F'dan il-kuntest, l-awtonomija strateġika għandha tkopri wkoll ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-ktajjen tal-valur rilevanti għas-sigurtà tal-ikel u s-sovranità tal-ikel, l-agrikoltura u s-settur agroalimentari, kif ukoll l-aċċess għal inputs essenzjali għal dan is-settur. Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenzi esterni u għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni li tiżgura l-kontinwità tal-provvista.*** Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi[7]. ***L-inklużjoni ta' proġetti b'użu doppju f'sejħiet dedikati jenħtieġ li tiġi akkumpanjata minn qafas regolatorju speċifiku u strett, għal raġunijiet ta' sigurtà.*** F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal forniturі ta' riskju għoli.

[6] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

Emenda 377
Mirosława Nykiel, Adam Jarubas, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[6]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività ***mmexxija mir-riċerka*** u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi[7]. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal fornituri ta'	(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi***, it-teknoloġiji*** u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika***[1]***. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività***,*** u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati ***għas-salvagwardja tas-sigurtà tar-riċerka,*** għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi***[2]***. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-

riskju għoli.	eliġibbiltà japplikaw għal fornituri ta' riskju għoli. ***Kwalunkwe restrizzjoni tal-parteċipazzjoni ta' sħab minn Stati Membri mhux tal-UE jew minn entitajiet tal-UE kkontrollati parzjalment jew kompletament minn entitajiet mhux tal-UE, jenħtieġ li tiġi speċifikata fil-partijiet rilevanti tal-programmi ta' ħidma [1] il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023)20 final, Brussell, 20.06.2023. [2] ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.***

[6] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

Or. en

Emenda 378
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Cristina Maestre, Camilla Laureti, Maria Grapini, Elena Sancho Murillo, Eric Sargiacomo, André Franqueira Rodrigues

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[6]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat	(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[6]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat

mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi[7]. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal forniturі ta' riskju għoli.

[6] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. ***F'dan il-kuntest, l-awtonomija strateġika jenħtieġ li tinkludi r-reżiljenza u s-sigurtà tal-ktajjen tal-valur rilevanti għas-sigurtà tal-ikel, l-agrikoltura, inkluża dik organika, u s-settur agroalimentari, kif ukoll l-aċċess għal inputs essenzjali għal dawn is-setturi. Ir-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenzi esterni u għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni li tiżgura l-kontinwità tal-provvista.*** Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi[7]. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal forniturі ta' riskju għoli.

[6] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.

[7] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' awtonomija strateġika ma għandux ikun limitat għas-settur industrijali jew dak teknoloġiku iżda jrid jiġi estiż biex jinkludi s-sigurtà tal-ikel, is-sovranità tal-ikel u l-agrikoltura. Għalhekk, din l-emenda tfittex li tiżgura li s-sigurtà tal-ikel u l-agrikoltura, inkluża dik organika, jiġu rikonoxxuti b'mod espliċitu bħala komponenti integrali tal-qafas tal-awtonomija strateġika tal-UE, f'konformità mal-impenn usa' tal-Unjoni għal sistema agroalimentari reżiljenti u sostenibbli.

Emenda 379
Christian Ehler
f'isem il-Grupp PPE
Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[6]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u ***jiżguraw koerenza u konsistenza***	(22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[6]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u ***għall-iżgurar tal-koerenza***. Meta

ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi[7]. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal fornituri ta' riskju għoli.

